# IL-ĦAJJA f'Għawdex

Marzu 2000 - Nru. 817



GOZO CATHEDRAL
PARISH CENTRE
DONATED BY AF
3/01
(DATE)
GAD
7444

## Kumpless Sportiv għas-Seminarju

L-għażla sħiħa ta' servizzi

bankarju u finanzjarji

fil-qalba tar-Rabat,

Għawdex.

**Lombard Bank Malta p.l.c.**

**Triq Ninu Cremona,**

**Rabat, Għawdex.**

**Tel: 558717-8-9**

**Fax: 558713**

LOMBARD BANK

**Balzan • Qormi • Sliema • San Ġiljan**
**Valletta • Rabat, Għawdex**



# f'din il-ħarġa

Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'ġara dan l-aħħar • 6
Id-Dinja ta' Ċikku l-Għawdxi • 8
L-Intervista: Il-bini tal-Kumpless Sportiv tas-Seminarju • 10
Għawdex 300 mit sena ilu – Tiswijiet f'Bieb l-Imdina • 13
Drawwiet Missirijietna: Il-Karnival f'Għawdex • 14
Madre Margerita Debrincat • 16
L-Unjoni Ewropea u Għawdex • 18
Kumpless Residenzjali tal-MAS għall-Anzjani • 20
Wirt Għiritna: Il-Feniċi (2) • 24
Ħsibijiet għar-Randan • 28
Il-Ġublew: Ħames raġunijiet • 30
Dun Ġorġ Preca u l-maħfra tal-għedewwa • 31
It-Tagħlim Soċjali tal-Knisja: Il-Persuna Umana • 32
Novella: Għaliex? • 34
Bookmark • 37
Int u Saħħtek: L-Ambjent, il-Bniedem u l-Ikel GM • 38
Għawdex Sportiv • 40
Mid-Dinja Teknoloġika • 42

**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

**Imwaqqfa Ġunju 1945**
**Ħarġa nru. 817**

**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

***Amministrazzjoni:***
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 560496/7 Fax. 561860**

**Abbonament : Lm 3**

**Sostenitur: Lm 5**

**Issettjata:** ***Lumen Christi Media Centre***
**Stampata:** ***"Gozo Press" Għajnsielem, Għawdex***

*Din il-ħarġa nghalqet għall-istampa fil-15 ta' Frar 2000.*
*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

**Ritratt tal-Qoxra:**
Is-sala nterna tal-Kumpless Sportiv tas-Seminarju Djoċesan
*(ara intervista f'paġna 10)*

# EDITORJAL



## Sigurtà fuq ix-xogħol

*Kulħadd baqa' mbellaħ fix-xahar ta' Jannar, kif bdejna s-seklu l-ġdid b'ħames vittmi ta' diżgrazzji fatali fi ftit gimgħat. Skond l-għajdut tan-nies, dawn setgħu faċilment ġew evitati li kieku kulħadd kien attent u responsabbli fi dmirijietu. Veru li kif ngħidu "wara kulħadd għaref". Imma spiss ninsew u nerġgħu għall-istess abbużi. Inħossu li għandna nagħmlu ftit kummenti biex nifthu l-għajnejn.*

*L-ewwelnett ma rridux inkunu ottimisti wisq fejn ikun hemm periklu. Dak li ma jiġrix f'mitt sena jiġri f'minuta. Min jaf dawk li mietu fid-drenaġġ kemm il-darba niżlu bla ma ġralhom xejn. L-istess min jaħdem fin-nar. Il-periklu dejjem ma' jdejna anke meta nkunu nsuqu xi nġenji. Kull xogħol fih il-periklu tiegħu.*

*Kawża oħra tal-korrimenti tista' tkun l-għaġġla żejda. Dan l-iktar meta jkun hemm sewqan żejjed jew tfexfix fuq ix-xogħol.*

*Raġuni oħra meta min ikun responabbli mil-lant tax-xogħol ifarfar fuq ħaddieħor, jitlaq qabel il-waqt, jew ma jagħtix każ biżżejjed. Din hi rresponsabiltà u għalhekk sew min hu supervisor jew kap ikun preżenti kontinwament fuq il-lant tax-xogħol.*

*Fuq kollox kull ħaddiem li jkun jagħmel xogħol ta' periklu għandu juża l-apparat kollu meħtieġ biex kemm jista' jkun jiġi evitat il-periklu. Ħadd m'għandu jidħol għax-xogħol jekk ma jkunx provdut l-apparat meħtieġ għas-sigurtà, lanqas jekk ħaddieħor irid jeħles jew ikun hemm urġenza. Kieku kulħadd joqgħod attent u jħares sew id-dmirijiet tas-sigurtà, żgur li nevitaw ħafna mill-eluf ta' korrimenti reġistrati kull sena fuq ix-xogħol. Nawguraw lill-ħaddiema saħħa u barka t'Alla.*




**SERVIZZ EKUMENIKU**

Bħala parti mill-Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda tal-Knejjes Insara, nhar l-Erbgħa 19 ta' Jannar, il-Leġjun ta' Marija organizza servizz ekumeniku fil-kappella tal-kunvent tas-Sorijiet Sależjani fil-Victoria. Ħa sehem ukoll rappreżentant tal-Knisja Protestanta. Mons. Vigarju Giovanni Bosco Gauci wassal il-messaġġ f'isem Mons. Isqof.

**ŻJARA MILL-AMBAXXATUR FRANĊIŻ**

Nhar il-Ġimgħa 21 ta' Jannar saret żjara ta' kortesija lill-Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi mill-Ambaxxatur Franċiż għal Malta, Mr Didier Destremau li kien akkumpanjat minn diversi personalitajiet oħra li jaħdmu fl-istess ambaxxata. Tkellem ma' Mons. Isqof dwar il-patrimonju nobbli li għandhom dawn il-gżejjer u l-kontribut enormi li tat il-knisja tul is-sekli biex issawret l-identità Maltija.

**LAQGĦA GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ GĦAWDXIN**

Din inżammet fil-Bażilika tax-Xagħra nhar il-Ġimgħa 21 ta' Jannar u ġiet organizzata bħas-soltu mill-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ. Kienet tinkludi diversi nterventi minn *panel* ta' persuni li tkellmu dwar is-sitwazzjoni taż-żgħażagħ f'Għawdex. Tkellmu, fost oħrajn, id-delegat ta' l-isqof għall-pastorali maż-żgħażagħ u l-president tal-Grupp Universitarji Għawdxin Marthese Portelli.

**IL-KARDINAL WINNING F'GĦAWDEX**

Fuq stedina tal-Moviment ta' Kana, nhar is-Sibt 22 ta' Jannar kellna fostna l-Kardinal Winning ta' Glasgow, l-Iskozja. Għamel viżta ta' kortesija lill-Isqof Cauchi u wara ltaqa' mal-kleru Għawdxi fis-Seminarju fejn tkellem dwar ir-rispett lejn il-valur tal-ħajja umana. Il-Kardinal kien akkumpanjat minn Fr Charles Vella, fundatur tal-Moviment ta' Kana.

**MONS ISQOF JILTAQA' MAL-ĠENITURI**

F'laqgħa għall-ġenituri ta' tfal addottati, Mons. Isqof tkellem dwar problemi partikolari li jistgħu jkunu jeżistu fi ħdan familji ta' din ix-xorta. Din l-attivita kienet nhar is-Sibt 22 ta' Jannar u saret bħala parti mill-programm tal-Ġimgħa tal-familja fid-Djoċesi t'Għawdex.

**MONS ISQOF JILTAQA' MAL-KOPPJI**

Fl-okkażjoni tal-Ġimgħa tal-familja, Mons. Isqof mexxa konċelebrazzjoni solenni fis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu li għaliha kienu mistiedna l-koppji Għawdxin. Mons. Isqof tkellem fuq id-dmirijiet tal-familja nisranija fosthom dak tar-rispett reċiproku. Dan kien nhar il-Ħadd 23 ta' Jannar.

**SANT'ANTON ABBATI**



Il-festa ta' Sant' Anton Abbati ġiet iċċelebrata nhar il-Ħadd 23 ta' Jannar fil-knisja tiegħu fix-Xagħra. Patri Dumink Portelli O.S.A., Pirjol tal-Patrijiet Agostinjani fil-Kunvent ta' San Mark fir-Rabat Malta, mexxa konċelebrazzjoni fil-Bażilika ta' Marija Bambina u wara mexxa l-purċissjoni bl-istatwa ta' Sant' Anton Abbati

u sar it-tberik tradizzjonali ta' l-annimali. F'din il-festa ħadet sehem għall-ewwel darba, il-Konfraternità ta' Sant' Anton Abbati tar-Rabat ta' Malta.

**FESTA TA' SAN FRANĠISK DE SALES**

Fl-okkażjoni tal-festa liturġika tal-patrun tal-ġurnalisti San Frangisk De Sales, Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi ċċelebra quddiesa fil-knisja taí San Franġisk fil-Victoria li għaliha kienu mistiedna l-ġurnalisti u l-kittieba Għawdxin. Fl-omelija tiegħu, Mons. Isqof tkellem dwar ir-rispett li l-ġurnalisti jeħtieġ li juru lejn il-persuni li jiġu msemmija, jintwera rispett lejn dawk li qegħdin jirċievu l-messaġġ u r-rispett li l-ġurnalista nnifsu jeħtieġ li jkollu lejh biex hekk jibqa' kredibbli.

**TQASSIM TAL-BIBBJA FIS-SEMINARJU**

Nhar il-Ġimgħa 28 ta' Jannar fil-kappella tas-Seminarju saret ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla għall-istudenti li jinsabu fil-Form 1 tas-Seminarju Minuri li matulha Mons. Isqof qassam kopji tal-Bibbja lill-istess studenti.

**FESTA TA' DON BOSCO**

Fl-okkażjoni tal-festa ta' Don Bosco ċċelebrata ta' kull sena fl-Oratorju fil-Victoria, nhar il-Ħadd 30 ta' Jannar Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi mexxa s-sagrifiċċju tal-quddiesa u wassal il-messaġġ tiegħu tal-okkażjoni. Tkellem dwar it-tlett ommijiet li kellu Don Bosco; l-omm naturali tiegħu Mamma Margherita li għallmitu jagħder u jħobb, it-tieni omm kienet il-Knisja li tagħha kien ministru fidil u t-tielet omm kienet il-Madonna li dejjem talab il-patroċinju tagħha.

**TBERIK TAT-TRABI**

Nhar l-1 ta' Frar fl-okkazjoni tal-festa tal-Kandlora fis-Santwarju Ta' Pinu sar it-tberik tat-trabi minn Mons. Isqof. Din l-attività tiġi organizzata ta' kull sena mill-Azzjoni Kattolika f'Għawdex.

**JUM IL-ĦAJJA KKONSAGRATA**

Nhar l-Erbgħa 2 ta' Frar ingħaqadna mal-Q.T. il-Papa u ċċelebrajna l-ġurnata ddedikata għar-reliġjużi u l-ħajja kkonsagrata. Filgħaxija fil-Knisja Katidrali sar pontifikal solenni tal-festa tal-preżentazzjoni tal-Mulej. Kienu mistiedna r-reliġjużi nisa u rġiel. Wara l-omelija sar ukoll it-tiġdid tal-konsagrazzjoni tar-reliġjużi preżenti.

**MONS ISQOF MAR-RESIDENTI BARRANIN**

Mons. Isqof kien mistieden jiċċelebra s-sagrifiċċju tal-Quddiesa fil-kappella tas-Seminarju għall-komunità ta' Ingliżi residenti f' Għawdex. Fl-omelija Mons. Isqof tkellem dwar il-dmirijiet tan-Nisrani biex ikun tabilħaqq dixxiplu ta' Kristu. Din l-okkażjoni kienet nhar il-Ħadd, 6 ta' Frar. Wara l-omelija saret ukoll il-konfirmazzjoni lil waħda żagħżugħa li tifforma parti minn din il-komunità.

**LAQGĦA GĦALL-ISTUDENTI**

Fl-okkażjoni tal-festa tan-Nawfraġju ta' Missierna San Pawl, nhar id-9 ta' Frar saret laqgħa għall-istudenti Għawdxin kollha li s-sena l-oħra rċevew is-sagrament tal-Konfirmazzjoni. Waqt din l-attivita' tqassmu wkoll r-rigali lit-tfal li rebħu l-kompetizzjoni tal-Bambini li saret għat-tfal t'Għawdex kollha fil-ġranet tal-Milied, organizzata mill-Uffiċċju Katekitiku.

**JUM MALTA KATTOLIKA**



Bħal kull sena nhar l-10 ta'Frar ġie ċċelebrat il-jum tal-Magħmudija ta' Malta. Mons. Isqof mexxa konċelebrazzjoni solenni fil-knisja ta' San Pawl f'Marsalforn, fejn wara bierek żewġ pitturi laterali li tpinġew mis-Sur Ninu Apap (ara ritratt). Filgħaxija Mons. Isqof mexxa konċelebrazzjoni fil-Munxar li għaliha kienu mistiedna rappreżentanti tal-għaqdiet Kattoliċi Għawdxin. L-Isqof tkellem dwar in-nawfraġju ta' San Pawl li permezz ta' din il-ġrajja, ġie rrivelat Kristu lill-Maltin kif ukoll għarafna aħjar min kien San Pawl. Fuq kollox inkixef ukoll il-karattru tal-Maltin fil-ħażin u t-tajjeb tagħhom.

**JUM L-ISQOF**

*2 ta' Marzu 2000*



• Nitolbu għall-Isqof tagħna Nikol Ġ. Cauchi f'għeluq il-71 sena tiegħu.

•Nissieħbu miegħu f'Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fil-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, Victoria fil-5.30p.m.

**Awguri!**




## L-Ewwel Wild



L-ewwel tifel mir-raħal tal-Munxar li twieled fis-sena l-ġdida hu Kenneth Mizzi. Kenneth hu t-tieni wild tal-familja Mizzi. Paul u Stephanie Mizzi għandhom tifel ieħor, Brandon. Kenneth twieled fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex fl-ewwel ta' Jannar fil-5.25pm. Għal din l-okkażjoni, is-Sindku tal-Munxar, is-Sur Paul Curmi ppreżenta tifkira lill-Ġenituri tat-tarbija l-ġdida.

## Servizz kompjuterizzat għal min ifittex ix-xogħol

Nhar il-Ġimgħa 21 ta' Jannar, il-Kunsill Lokali tar-Rabat iffirma kuntratt mal-Kumpanija *XOL & Company Ltd* għall-benefiċċju ta' dawk l-Għawdxin li jixtiequ jfittxu xogħol bis-sistema kompjuterizzata, li preżentement tista' tinkiseb biss minn dan il-Kunsill bis-saħħa ta' din il-kumpanija. Persuni li jkunu jixtiequ jfittxu xogħol jistgħu jinqdew mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali tar-Rabat billi permezz ta' l-*Internet* ikollhom għad-dispożizzjoni tagħhom il-possibiltajiet ta' xogħol kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex. Preżenti għal din l-okkażjoni kien hemm il-Ministru tal-Ġustizzja



u Gvern Lokali, l-Onor. Austin Gatt u l-Minsitru għal Għawdex, l-Onor. Giovanna Debono.

## Żewġ skejjel mogħtija isem

Il-Ġimgħa 21 ta' Jannar l-iskola primarja ta' Sannat ingħatat l-isem "Profs. Ġużè Aquilina". Profs. Aquilina, imwieled il-Munxar, kien jattendi l-iskola primarja ta' Sannat, meta din kienet tinsab fi Triq il-Kbira. Waqt iċ-ċerimonja sar diskors ta' l-okkażjoni mis-Sur Francis Mercieca, ex-kap ta' l-istess skola. Mons. Lawrenz Sciberras qara l-poeżija *Għanja ta' Foħrija*, li niseġ hu stess għall-okkażjoni. It-tfal tas-sitt sena ppreżentaw siltiet mir-Rumanz ta' Aquilina *Taħt Tliet Saltniet*, filwaqt li l-kor ta' l-iskola kanta l-Innu ta' l-iskola u l-poeżija ta' Ġorġ Pisani *Warda*. Lapida kommemorattiva u



pittura tal-Profs. Aquilina, xogħol George Scicluna, inkixfu mill-Ministru għal Għadex fil-preżenza tal-kap ta' l-iskola, is-sur Michael Camilleri u żewġ membri tal-familja tal-Profs. Aquilina, Miriam Galea u Helen Galea Bonavia.

Anke l-iskola primarja ta' Għajnsielem ġiet mogħtija isem. Hija ssemmiet għall-ex kap tagħha Anton Cassar. Għal din iċ-ċerimonja kien hemm preżenti, fost l-oħrajn, il-Ministru għal Għawdex,



l-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati, ulied u familjari ta' Anton Cassar.

## Traġedja

Adrijanu Agius ingħaqad mal-Mulej nhar il-Ġimgħa 28 ta' Jannar meta tilef ħajtu traġikament fl-isplużjoni tal-kamra tan-nar 15 ta' Awissu, fil-limiti tar-raħal ta' Kerċem. Il-funeral sar fil-31 ta' Jannar. Minbarra l-familjari u għadd kbir ta' nies, attendew għal dan il-funeral il-Prim Ministru Dr. Eddie Fenech Adami, il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono, il-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali Dr Austin Gatt, Membri Parlamentari Għawdxin, is-Sindku tal-Belt Victoria, membri tal-baned Leone u La Stella, u tant persuni oħra. Il-quddiesa *praesente cadavere* tmexxiet mill-arċipriet tal-parroċċa katidral, Mons. Joe Vella Gauci, assistit minn diversi saċerdoti.

## Aktar viċi-Sindki

Emanuel Mintoff ġie maħtur viċi-Sindku għal-lokalità ta' l-Għasri; Tonio Mifsud għal-lokalità ta' l-Għarb; Francis Attard għal-lokalità tax-Xewkija; Joe Bajada għal-lokalità taż-Żebbuġ; Mario Mizzi għal-lokalità tal-Fontana; Kevin Sciberras għal-lokalità tal-Qala; u Adeodato Bugeja għal-lokalità ta' Sannat.

## Ftuħ tal-*Little Flower Day Centre*

Il-Ħadd 6 ta' Frar ġie inawgurat uffiċjalment il-*Little Flower Play School* fil-post magħruf bħala l-Konservatorju ta' l-Isqof, fir-Rabat. Preżenti għal



din l-okkażjoni kien hemm Mons. Isqof Nikol Cauchi u l-Ministru għal Għawdex, flimkien mal-ġenituri li jagħmlu użu mis-servizz ta' dan iċ-Ċentru. Iċ-Ċentru hu ddedikat lil Santa Tereża, u jilqa' fih sa tletin tifel u tifla minn disa' xhur 'il fuq. Huwa attrezzat bi kċina, kamra ta' l-ikel, kamra tal-logħob, kmamar tal-banju, *rest room*, *playground* u ġnien, kif ukoll *living area* kbira. Dan iċ-Ċentru hu mmexxi minn grupp ta' volontarji mħarrġa għal dan ix-xogħol. F'kelmtejn li għamlet, il-Ministru għal Għawdex faħħret lid-djoċesi Għawdxija għax qed tkun pro-attiva billi toffri servizz essenzjali kemm lill-ġenituri li jaħdmu kif ukoll lil *single parents*. Hija raddet ħajr lill-voluntiera li b'dedikazzjoni liema bħala qed jaħdmu b'risq it-tfal li jattendu f'dan iċ-Ċentru.

*Ikompli f'paġni 27*




## VAMPA

Ħafna minna jħobbu l-logħob tan-nar. Festi mingħajr ftit storbju u kulur donnu li mank tkun taf li ġew. Imma dan id-divertiment qegħdin ingawduh bi prezz għoli ferm. L-aħħar traġedja li kellna ħakmet mhux biss lill-familja u lill-komunità parrokkjali ta' "Dirjanu" Agius, imma lil kull min hu dilettant tal-logħob tan-nar. Il-biki tal-familji, tan-nisa u ta' l-ulied li għaddew minn dawn l-esperjenzi donnu li mhu jiswa għal xejn.

Filwaqt li minn din il-paġna nagħtu l-kondoljanzi lill-familja Agius, nittamaw li l-mewt tiegħu ma nħalluhiex tmur fix-xejn, kif sfortunatament ġara sallum fi traġedji bħal din. Id-dilettanti tan-nar u dawk li joħorġu l-flus għan-nar hemm bżonn jifhmu li s-sbuħija tan-nar mhix fil-pika ta' min jirnexxielu jimmanifattura l-akbar numru ta' murtali għall-festa tar-raħal, imma li n nar hu mezz biex jintlaħaq għan ikbar: it-tisbiħ tal-festi tagħna u, forsi, xi ftit "unur" lill-qaddisin.

Tgħid għad naslu x'imkien? Għax, toħroġ il-għaġeb, madwar id-dinja kollha rajna popli jiċċelebraw il-bidu tal-millennju bi spettakli ta' logħob tan-nar. Saħansitra minn fuq il-bażilka ta' San Pietru ammirajna l-ħruq tal-logħob tan-nar. Imma naħseb li ħadd ma jirnexxielu joħloq l-istorbju li kapaċi nagħmlu aħna fil-festi tagħna! Għax f'pajjiżna, il-logħob tan-nar irriduċejnih għall-istorbju u d-damdin: hemm l-idea li aktar ma ddamdam lil pajjiżna bil-qawwa ta' l-isplussiv, aktar tkun sabiħa l-festa. Fuq dan qrajna wkoll kumment tajjeb ta' Mons. A. Gauci (The Times, 10.2.00). Imma kemm ser nibqgħu bla moħħ? Mhux aħjar tara ftit kulur li jpaxxi l-għajnejn milli tisma dak il-ħafna storbju bla sens?

## KIEKU L-KAMRA TAN-NAR SPLODIET IL-ĦADD...

Kemm kienu jmutu nies? Din il-mistoqsija-kumment smajniha minn fomm ħafna. U sfortunatament kull meta ttir kamra tan-nar tisma l-istess kliem. Qalulna li fil-*weekends* fil-kmamar tan-nar ikun hemm jaħdmu mhux biss dawk li għandhom il-permess imma wkoll dawk li permess m'għandhomx. Smajna li fosthom ikun hemm min saħansitra hu taħt it-tmintax-il sena. Imma possibbli li l-pulizija ma tafx b'dawn il-każijiet? Jew aħna nagħlqu għajnejna għal kollox? Veru li ħadd ma jieħu gost bil-pulizija wara biebu, imma twissija f'waqtha tiswa ħajja ta' bniedem. Ma rridux li l-pulizija tmur tarresta lil dan u lill-ieħor, imma żgur li l-metodu preventiv jaħdem aħjar.

## PERMESSI

Min jaħdem il-logħob tan-nar irid ikollu permess speċjali. B'liema kriterju jingħataw dawn il-permessi? Hemm xi forma ta' "eżami" li wieħed irid jagħmel jew biżżejjed l-"esperjenza" f'dan il-każ? U jekk wieħed jingħatalu l-permess, dan jista' jaħdem kull tip ta' nar, u jesperimenta bil-putassa kif irid? Ikun xieraq jekk dawk li jiksbu permess biex jaħdmu l-logħob tan-nar jiġu mogħtija dan b'mod pubbliku, biex il-poplu kollu jkun jaf min huma dawk u dawk biss li għandhom permess jaħdmu? Hemm bżonn ta' aktar regoli ċari u li jiġu mħarsa biex, filwaqt li nibqgħu ngawdu l-logħob tan-nar fil-festi tagħna, ma nibgħux nassistu għal traġedji simili.

## MONOPOLJI

Wara l-każijiet ta' dan l-aħħar li għandhom x'jaqsmu mal-Vodafone u mal-Melita Cable – li issa trid li jsir ħlas extra għat-Tele +, qed naqraw ħafna dwar il-monopolju li ċerti kumpaniji għandhom, u kemm dawn il-monopolji mhux biss ma jagħtux lok għal konkorrenza f'dak is-settur kummerċjali, imma lanqas jippermettu li jista' jorħos il-prodott. Sur Gvern, min ser jiddefendi l-interessi tal-konsumatur, jiġifieri l-interessi tagħna li noħorġu l-flus mill-but għal dawn u tant servizzi oħra?

## QLIEGĦ SPROPORZJONAT

Dejjem kelli kurżità nsir naf kif tal-ħwienet jirnexxielhom jagħmlu roħs ta' 50% jew aktar fuq il-prodotti li jbiegħu. Ma naħsibx li meta jagħmlu hekk ser imorru minn taħt! Mela meta ma jkollomx is-*sale*, l-ammont ta' qliegħ kemm ikun?

Smajt li ħafna ħwienet tal-ħwejjeġ qed iġibu bi prezz ferm baxx kwantitajiet kbar ta' ħwejjeġ minn Sqallija, l-Ingilterra u l-Istati Uniti. Dawn jidħlu fis-

suq tagħna u jinbiegħu bi prezzijiet għoljin. Dan it-tip ta' qliegħ hu ġustifikabbli jew jista' jsir serq?

## MILL-ISPTAR ĠENERALI

Nifirħu kull meta s-servizz tas-saħħa jitjieb u meta l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex joffri servizzi ġodda lill-pazjenti Għawdxin. Fis-CCU dan l-aħħar tranġat parti biex issir *renal unit*. Inxtraw tliet *couches* li qamu madwar Lm3000 lira l-waħda. F'din il-*unit* ser ikun hemm erba' magni tad-dijalisi, tlieta *on use* u waħda *stand by*. Ir-*renal unit* hi mgħammra wkoll bil-*plant room*, jiġifieri b'makkinarju għar-*reverse osmosis*. Qalulna li dan hu l-aktar apparat li ġie jiswa flus. Ir-*renal unit* qed tiġi sponsorjata għal numru ta' snin mill-*Gozo Channel*. B'hekk, il-ħames pazjenti Għawdxin li jridu jmorru Malta tliet darbiet fil-ġimgħa biex isaffu d-demm, flimkien ma' tmienja oħra li jmorru għall-kura msejħa CAPD darba fix-xahar ser jibdew jingħataw is-servizz f'Għawdex stess. Hemm il-ħsieb li din il-*unit* tinfetaħ fi żmien xahrejn jew tlieta. Hemm diġà numru ta' *nurses* li qegħdin jitħarrġu biex ikunu jistgħu jużaw dan l-apparat.

Fl-istess kuritur quddiem ic-CCU qed tinbena sala li tkun estensjoni ma' l-*Out Patients*. Din is-salafiha erba' kmamar: ser ikun fiha l-*Audiology Room*, għall-kura tas-smiegħ: għall-ewwel darba din ser tkun mgħammra b'*sound proofing*; ser ikun fiha *Ophtalmic unit* għal-*laser treatment* ta' l-għajnejn; *clinic* oħra; u uffiċċju.

Maġenb is-sala ta' l-operazzjonijiet qed titħejja kamra li ser isservi bħala *waiting room* għall-istess sala ta' l-operazzjonijiet. Sal-lum, il-qraba ta' min ikun qed jiġi operat kien ikollohom jistennew fil-kuritur.

Fuq il-*leaflet* "Is-Saħħa" ta' Diċembru 1999, maħruġa mill-*Gozo Health Council*, qrajna li fil-21 ta' Diċembru li għaddanfetaħ uffiċjalment is-*Central Sterile Supplies Department* (CSSD). Dan id-Dipartiment iservi biex fih jiġu sterilizzati l-istrumenti li jintużaw fis-sala ta' l-operazzjonijiet. B'dan il-mod jitnaqqas drastikament ir-riskju li pazjenti jistgħu jieħdu xi infezzjoni waqt l-operazzjoni li tkun issirilhom. B'kollox il-proġett ġie jiswa madwar Lm80,000, tletin elf minnhom għal "forn" speċjali li jintuża biex fih jiġu sterilizzati l-istrumenti

F'isem l-Għawdxin kollha nħossu li rridu ngħidu grazzi lil kull min qed jitħabat biex fl-Isptar Ġenerali jkollna aktar servizzi u servizzi dejjem itjeb.

## KARITÀ GĦALL-MISSJONI BISS?

Qalulna li fl-omelija tiegħu fil-knisja tal-Munxar nhar il-festa tan-Nawfraġju ta' San Pawl, Mons Isqof tkellem dwar kemm il-poplu tagħna hu ġeneruż mal-Missjonijiet. Jingħabru eluf u miljuni ta' flus kull sena li jitqassmu fejn hemm il-missjunarji Maltin u Għawdxin. Jalla dan ma jonqos qatt għax hu preġju tal-poplu tagħna. Imma l-Isqof qal ukoll li l-insara tagħna jeħtieġ jitgħallmu li l-karità m'għandiex issir biss mal-missjunarji, imma wkoll mas-saċerdoti ta' pajjiżna u ma' l-opri tal-karità ta' pajjiżna. Mons. Isqof kien qed jirreferi għas-sitwazzjoni tad-djoċesi ta' Għawdex u għall-Għawdxin. Qal li hemm ħafna li għandhom l-idea li l-Kurja Għawdxija għandha ħafna flus, u allura l-Knisja Għawdxija ma teħtieġ ebda għajnuna finanzjarja. L-Isqof qal li dan mhu veru xejn. L-*accounts* tal-Kurja jiġu ppubblikati kull sena u min hu interessat jista' jara b'għajnejh stess kemm flus għandha l-Kurja.

Aħna nżidu kumment ma' dak li qal l-Isqof: hawn ħafna Għawdxin li dwar ammonti ta' flus investiti u proprjetà – mobbli u mmobbli –, lill-Kurja jdaħħluha fil-but. Dawn it-talin, jekk iridu, jistgħu jagħmlu ħafna ġid lill-opri ta' karità tal-Knisja. Biżżejjed insemmu r-*Respite Centre* ta' Għajnsielem. Kemm industrijalisti u nies oħra Għawdxin daħħlu jdejhom fil-but u offew somma mhux ħażin? Dak ikun investiment ġdid!

## *AIRSTRIP*: FAVUR JEW KONTRA?



Dan l-aħħar reġgħet tqajmet il-kwistjoni ta' l-*airstrip* f'Għawdex. Issemmiet mill-President tal-*Gozo Business Chamber* waqt seminar li l-istess *Chamber* organizzat dan l-aħħar, u ssemmiet ukoll minn "Asterisk" fil-*Ġens* (11.2.00). Intqal li hemm bżonn li nerġgħu nikkunsidraw din il-proposta, u dan għal diversi raġunijiet, fosthom: li s-servizz tal-helicopter mhux tant effiċjenti; li hu aktar *profitable* u ta' servizz għall-industrija turistika li jkollna servizz ta' *fixed wing aircraft*; li l-post fejn issa hemm proġettata l-*airstrip* m'għadux aktar f'raba' saqwi imma f'art li aktar tixxiebaħ ma' miżbla. Jien personalment għadni ma ffurmajtx opinjoni, imma jekk mhux ser tinħela art tajba għall-biedja, mhux ser jitwaqqgħu aktar torrijiet (!) u l-benefiċċji huma bil-wisq akbar mit-telf, jibqa' raġuni serja għala nsibu tant oġġezzjonijiet? Inħarsu r-raba', insalvaw l-ambjent, u naraw x'possibiltajiet ġodda jista' joffri Għawdex għal żvilupp ġust.

Nixtiequ li l-Għawdxin jaħsbu ftit aktar... imma b'moħħhom, u mhux biss kif jgħidulhom il-partiti politiċi tagħhom.

L-INTERVISTA

# *Dun Eddie Zammit jintervista lil* ***Fr. Effie Masini,*** *Surmast tas-Seminarju Minuri, u lill-**Kan On. Dun Karm Curmi,*** *Segretarju Amministattiv tal-Kurja ta' l-Isqof dwar il-Bini ta' Kumpless Sportiv fis-Seminarju.*

## • Intervista lil Fr. Effie Masini



***Kif nibet il-ħsieb li jinbena l-Kumpless Sportiv?***

Prinċipalment l-idea nibtet meta konna qegħdin nippjanaw kif se nirranġaw għall-aħjar is-Seminarju biex, bħala istituzzjoni edukattiva ewlenija tal-Knisja f'Għawdex, ikun f'pożizzjoni li jkompli joffri s-servizzi tiegħu lill-komunità tal-ġejjieni. Bħalma taf int, fil-ġurnata tal-lum, biex ikollok skola, ma jistax ikollok sempliċement studenti u għalliema u ftit kmamar li jintużaw bħala klassijiet. Jeħtieġ imma li tipprovdi l-faċilitajiet li huma importanti biex jagħtu formazzjoni sħiħa lill-istudent fil-mixja tiegħu lejn il-maturità. Madwarna, kemm f'pajjiżna stess kif ukoll barra minn Malta, konna qegħdin ninnutaw li l-iskejjel tal-Knisja kollha kienu qegħdin jagħmlu sforz għal-*up-grading* simili. U aħna, min-naħa tagħna ħassejna li, minkejja is-sagrifiċċju li kien hemm bżonn isir, ma stajniex nibqgħu lura.

Sa ftit ilu, il-faċilitajiet sportivi fl-iskejjel tagħna, inkluż is-Seminarju, prattikament ma kenux jeżistu. Min-naħa l-oħra, fil-proċess ta' edukazzjoni sħiħa ta' żmienna, qed tingħata dejjem iktar importanza lill-isport, u dan għas-saħħa fiżika, morali u psikika ta' l-istudent.

Għalhekk kien sar urġenti li s-Seminarju jaħseb biex itejjeb il-faċilitajiet tiegħu. Saru diversi konsultazzjonijiet. Ġew studjati wkoll diversi possibiltajiet, fil-limitu ta' l-ispazju fiżiku li għandna u tal-mezzi finanzjarji tas-Seminarju u tad-Djoċesi. Barra minn hekk, biex noħolqu faċilitajiet ta' sport *indoor*, ma stajniex neqirdu l-ftit faċilitajiet *open air* li kellna, Min-naħa l-oħra l-grawnds interni tas-Seminarju kellhom bżonn urġenti li jinqalgħu u jitranġaw minħabba li l-art tat-torba kienet fi stat ħażin ħafna, tant li meta kienet tkun ix-xita ħadd ma kien jista' joħroġ fil-grawnds minħabba t-tajn u l-ilma.

Fid-dawl ta' dan kollu żviluppat l-idea li jinqala' l-grawnd, jitħaffer, isir kumpless sportiv taħt il-livell tal-grawnd, u mill-ġdid il-grawnd *open air* isir fuq il-bejt tas-sala sportiva. Naturalment, altru tgħid u altru tagħmel ix-xogħol, għaliex ridna noqgħodu attenti li la jiddallmu l-klassijiet, u li anki l-istess *gym* ikollu l-arja meħtieġa. Imma bil-għajnuna tal-Perit Joseph Dimech, ibnu Paul u konsulenti oħra, lokali u barranin, irnexxielna nieħdu li nistgħu mill-ispazju eżistenti.

***X'għajnuna sibtu biex jinstabu l-mezzi biex jitla' proġett ta' din id-dimensjoni?***

Bħalma taf, biex tidħol għal proġett bħal dan trid koperazzjoni kbira biex issib mhux biss mezzi finanzjarji imma wkoll mezzi umani! Għaliex għalkemm il-problema tal-finanzi hija uġiegħ ta' ras kbira, anki jekk ikollok il-flus, int ma tistax tidħol għal biċċa xogħol bħal din mingħajr il-ħsieb u x-xogħol ta' ħafna nies. U hawnhekk ma nistax ma nsemmix lil Dun Karm Curmi, is-Segretarju Amministrattiv tal-Kurja li offra ħafna mill-ħin u l-enerġija tiegħu biex jikkordina x-xogħol u jsib il-ħaddiema adatti għal kwalunkwe fażi tal-proġett.

Għal dawk li huma mezzi finanzjarji, sibna għajnuna kbira mill-P.T.A. tas-Seminarju Minuri, speċjalment mill-fergħa tagħha tal-*Ladies Circle*, li kontinwament kienu (u għadhom) jagħmlu attivitajiet ta' *fund raising* b'risq il-bini tal-kumpless sportiv. Ma nistax ma nsemmix ukoll lid-Dami tas-Seminarju li tawna wkoll daqqa t'id ġmielha f'dawn l-attivitajiet ta' *fund raising*.

Madankollu, fejn jidħlu mezzi finanzjarji, inkun nonqos jekk ma nsemmix lill-pubbliku kollu Għawdxi, familji, ditti, stabilimenti Maltin u Għawdxin, anki persuni li m'għandhomx tfal jattendu s-Seminarju imma li fehmu l-utilità ta' binja bħal din, li kkontribwew biex seta' jsir ix-xogħol. Imma naturalment, minkejja s-sehem dirett jew indirett ta' ħafna Għawdxin biex dħalna għal proġett bħal dan, li kieku ma kienitx il-Kurja ta' l-Isqof, minkejja l-possibiltajiet limitati tagħha, ma konniex inwasslu dan il-proġett fit-tmiem.

***Nifhem li dan il-proġett ma sarx biss għall-użu esklussiv ta' l-istudenti tas-Seminarju imma wkoll għal studenti u żgħażagħ mid-djoċesi kollha. X'valuri pastorali hemm marbuta ma' dan il-proġett kemm għall-istudenti tas-Seminarju kif ukoll għaż-żgħażagħ Għawdxin?***

Bħalma għidt int, u bħalma ilna ninsistu mill-bidu nett tal-proġett, il-Kumpless Sportiv tas-Seminarju mhuwiex għall-użu esklussiv ta' l-istudenti tas-Seminarju Minuri jew ukoll tas-Seminaristi li jinsabu fis-Seminarju Maġġuri, għalkemm nistgħu ngħidu li dawn se jkunu vantaġġjati, fis-sens li żgur li se jagħmlu użu minnu fil-ħinijiet li fihom ikunu fis-Seminarju.

Fil-ħidma pastorali tagħha, il-Knisja Universali dejjem taġġorna l-metodi ta' ħidma tagħha skond iż-żmien partikolari. Fis-seklu l-ieħor il-Knisja kienet ħasset il-bżonn li għall-pastorali tagħha tinvesti wkoll fis-swali taċ-ċinema. Aktar tard il-Knisja ħasset il-bżonn taċ-Ċirkoli u swali tal-palk, u iktar 'il quddiem anki f'binjiet adattati bħala Ċentri taż-Żgħażagħ. Illum il-ġurnata, speċjalment fil-pajjiżi żviluppati, il-Knisja qegħda tħoss il-ħtieġa li tinvesti dejjem aktar f'impjanti sportivi, għaliex l-isport qed isir dejjem iktar il-mezz li bih tista' tilħaq il-ġenerazzjonijiet li telgħin: tfal, studenti, żgħażagħ u anke familji.

Għalhekk il-kumpless sportiv tas-Seminarju ser ikun għodda f'idejn il-Knisja lokali biex permezz tiegħu tkompli tifrex il-ħidma pastorali tagħha biex tilħaq lil kulħadd, imma speċjalment lil dawn il-kategoriji li semmejt iktar 'il fuq.

***Kif se jitmexxa dan il-proġett u kif nistgħu nieħdu l-aħjar ġid minnu fuq livell ta' djoċesi?***

Mons. Isqof għadu kemm ħatar Bord li se jieħu ħsieb imexxi dan il-Kumpless fil-bidu tiegħu. Naħseb tifhem li ma nistgħux nilludu ruħna li dan il-Kumpless se jkun *fully operational* mal-ewwel. Imma jridu jgħaddu xhur, jekk mhux ukoll xi ftit snin, sakemm inkunu nistgħu ngħidu li l-kumpless sportiv qiegħed jaħdem kif nixtequh. Imma l-bidu jrid ikun ... bil-problemi kollha li dan iġib miegħu!

Madankollu, sa mill-bidu ta' l-inawgurazzjoni tiegħu, il-Kumpless Sportiv se jkun miftuħ mhux biss fil-ħinijiet ta' l-iskola, imma wkoll filgħaxijiet u fil-*weekends*. Għal dawk li jkunu jixtiequ jagħmlu użu mill-faċilitajiet tiegħu, dawn jistgħu jikkuntattjaw lill-persuna responsabbli li tkun fl-uffiċċju li għamilna fl-entratura tal-kumpless anki wara nofsinhar, biex isiru l-arranġamenti meħtieġa.



Sadanittant, anki mill-ewwel ġranet ta' l-inawgurazzjoni tiegħu, fil-Kumpless Sportiv se jsiru għadd ta' *tournaments* u kompetizzjonijiet għal diversi kategoriji, fosthom

żgħażagħ, membri tal-għaqdiet, abbatini, eċċ., biex hekk kulħadd ikollu l-opportunità li jżur u jara b'għajnejh il-faċilitajiet li fih dan il-Kumpless. Madankollu nistiednu lill-pubbliku Għawdxi kollu biex, min irid, jiġi jżur u jara b'għajnejh dak li lkoll flimkien irnexxielna nagħmlu b'risq il-ġejjieni tad-djoċesi tagħna.

# • Intervista lil Dun Karm Curmi



***Xi tħejjijiet saru qabel ma beda l-proġett? Għaliex saret l-għażla li l-Kumpless Sportiv jinbena taħt l-art?***

L-ewwel ma wieħed irid jgħid hu li kien ilu jinħass il-bżonn li fis-Seminarju tagħna jinbena Kumpless Sportiv. Dan billi fis-Seminarju l-postijiet ta' rikreazzjoni u allura sportivi kienu limitati ħafna. Wara ħafna studju kien deċiż li jinbena dan il-kumpless sportiv. Il-pjanti saru mill-Perit Joseph Dimech. Sar ukoll *budget* biex wieħed jara jistax ilaħħaq ma' spiża bħal dik. Imbagħad wieħed beda jara fejn l-aħjar li jsir dan il-kumpless sportiv. Fl-aħħar ġie deċiż li jsir fejn qabel kien hemm il-grawnd tas-Seminarju, billi jitħaffer l-istess grawnd biex ma jintrebaħx iżjed spazju, ma jitkissirx l-ambjent tas-Seminarju u lanqas jinħoloq inkonvenjent lir-residenti ta' madwar is-Seminarju. Ta' min isemmi hawn li qabel ma ttieħdet id-deċizjoni li jinbena taħt l-art, sar studju estensiv tal-kwalità tal-blat li kien hemm, studju li ħa ħafna żmien. Iżda b'hekk wieħed seta jkun jaf għal liema nefqa kien ser jidħol.

***X'fażijiet importanti kien hemm fil-bini ta' dan il-proġett? Kemm ħa żmien biex jitlesta?***

Il-fażijiet l-aktar importanti fil-bini ta' dan il-Kumpless Sportiv kienu erba': l-ewwel kien meħtieġ li jsir it-tħaffir billi jinqata' l-blat: infatti sar qtugħ ta' blat ta' madwar tliet sulari; imbagħad beda l-bini proprju tal-proġett, u hawn nixtieq nifraħ u nirringrazzja għax-xogħol li għamel il-bennej Toni Vella u l-ħaddiema tiegħu. Meta tlesta l-bini bdejna nagħmlu x-xogħol li jirrigwarda lill-bajjad, xogħol ta' aperturi, dwal u ilma, eċċ. L-aħħar fażi, li tlestiet ftit tal-ġranet ilu, kienet meta ksejna l-art tal-*Gym* b'materjal li qiegħed jintuża għall-ewwel darba f'Malta u Għawdex għal xogħol bħal dan. Dan jikkonsisti f'tapit tal-lastiku. Ta' min jgħid li dan it-tapit huwa approvat mill-Assoċjazzjonijiet Sportivi Mondjali biex ikun jista' jsir kull tip ta' logħob kompetittiv fuqu. F'din il-fażi ġibna wkoll l-aħħar apparat li jista' jintuża f'*Gym* fir-rigward ta' taħriġ fiżiku.

Dan il-proġett ħa madwar tliet snin biex tlesta, iżda meta wieħed jara x-xogħol li kellu jsir u l-problemi li nqalgħu, ma naħsibx li ħadna ħafna żmien biex lestejnieh. B'hekk lestejna proġett li verament jista' jitqies bħala l-proġett tal-millennju għad-Djoċesi t'Għawdex.

***X'faċilitajiet joffri dan il-Kumpless?***

Kif ingħad aktar 'il fuq, f'dan il-Kumpless s-Sportiv jista' jsir kull kwalità ta' logħob kompetittiv fuq livell internazzjonali, fosthom *basketball*, *volleyball*, *handball*, *five aside football*, *judo*, eċċ. Ta' min jgħid li s-saqaf ta' dan il-Kumpless sar għal logħob fil-miftuħ bħal futbol, tennis, eċċ. F'dan il-Kumpless insibu wkoll numru konsiderevoli ta' apparat għat-taħriġ fiżiku kif ukoll *weight lifting*. Kif wieħed jista' jara, f'dan il-Kumpless Sportiv għandna post fejn wieħed jista' jirrikrea ruħu bl-aqwa atrezzaturi.






Arkivju Nazzjonali Għawdex
Għawdex 300 sena ilu
Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 83
Riċerka ta' Joseph Bezzina
©2000

# TISWIJIET F'BIEB L-IMDINA



It-tlieta u tmenin dokument li qegħdin nippublikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu kont ta' tiswijiet li saru f'Marzu ta' l-1700 — tliet mit sena ilu — fil-bieb ewlieni taċ-Ċittadella ta' Għawdex, kif ukoll fid-dar tal-Gvernatur. Jinsab reġistrat fit-tmien volum ta' l-*Acta* ta' l-*Universitas* ta' Għawdex, l-enti amministrattiva tal-gżira fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1699–1700), folju 28r (NAG, UG, *Acta*, 8/ 1699-1700, f. 28r).

It-triq ewlenija taċ-Ċittadella ta' Għawdex, it-triq lil hinn mill-bieb ewlieni, kienet magħrufa sa mill-qedem bħala triq Bieb l-Imdina. Dan l-isem ngħata lill- Kastell ta' Għawdex fi żmien l-Għarab, u din il-kelma bl-Għarbi tfisser preċiżament Belt. It-tiswijiet imsemmija fid-dokument li qegħdin nippublikaw saru proprju f'Bieb il-Belt.

Din li ġejja hi traskrizzjoni tal-kont bl-ispiża li saret:

**A Vincenzo Portelli tarì nove e grani dieci cioè tarì cinque per cinque tumula di calcina e suo travaglio fatto nella volta della Porta del Castello e nella cucina della casa Gube per haverli biancheggiato, li 5 marzo 1700.**

**A Vincenzo Portelli tarì quattro e grani dieci cioè tarì due per due tumuli di calcina e tarì due per suo travaglio e grani dieci per il manuale per haver biancheggiato una stanza della casa Gubernatoriale, li 10 marzo 1700.**

**Più a detto Portelli Scudi quattro per haver ribuccato la casa Gubernatoriale e per calcina, li 10 marzo 1700.**

Il-bieb tal-Belt kien ilu wieqaf minn qrib is-sena 1600, jiġifieri minn mit sena qabel, minn meta kienet inbniet mill-ġdid il-parti ta' nofsinhar tal-fortifikazzjonijiet taċ-Ċittadella. Kien naturalment meħtieġ li dan il-bieb ewlieni jinżamm f'kundizzjoni tajba u għalhekk il-ħtieġa ta' dawra kif imiss minn żmien għal żmien.

Il-bajjad Vincenzo Portelli tħallas disa' irbiegħi u għaxar ħabbiet ta' xogħol ta' tiswija u ħamest itmien ġir.






# IL-KARNIVAL F'GĦAWDEX



Il-festi tal-Karnival dari kellhom importanza kbira fil-kalendarju Għawdxi. Infatti t-tħejjija għal din il-festa kienet tibda minn żewġt iħdud qabel, magħrufa bħala l-Ewwel Ħadd tal-Karnival u t-Tieni Ħadd tal-Karnival. Fit-Tielet Ħadd kien jaħbat il-Karnival proprju, il-festa tant mistennija u popolari. Hawnhekk ma rridux ninsew li dari l-ħajja f'Għawdex kienet waħda verament monotona minħabba li l-avvenimenti ta' matul is-sena kienu ftit, ix-xogħol tar-raba' kien iebes u r-Randan kien żmien verament rigoruż b'sawm u astinenza kważi l-jiem kollha sa Sibt il-Għid. Difatti, il-kelma karnival ġejja minn żewġ kelmiet bil-Latin: *carne* u *levarium,* li jfissru t-tneħħija tal-laħam, għaliex matul ir-Randan ma kienx jiswa laħam u lanqas ma kien hawn dari fejn wieħed jerfa' l-laħam billi ma kienx hawn il-kumdità tal-friġiraturi bħalma nsibu llum.

F'Għawdex il-Karnival aktarx li kien daħal ma' dak ta' Malta. Sa ftit ilu kienu jaħsbu li dan id-divertiment daħal fi żmien il-Kavalieri. Imma llum nafu, minn dokumenti antiki li nstabu mill-istudjużi ta' l-istorja, li l-festi tal-Karnival kienu jiġu ċċelebrati ferm qabel il-miġja tal-Kavalieri; tant hu hekk li l-morda ta' l-Isptar ta' Santu Spirtu f'Malta fil-Karnival kienu jagħtuhom ikla speċjali.

Il-Ħamis ta' qabel Ħadd il-Karnival jissejjaħ Giovedì Grass. Nistgħu ngħidu li dari l-Karnival Għawdxi kien jibda f'dan il-jum. Il-Giovedì Grass kien jissejjaħ ukoll "Il-Ġifa" għaliex f'dan il-jum kien isir

ċajt bħal dak ta' l-ewwel ta' April. L-ispirtu tal-karnival jibda dieħel ġmielu għaliex f'dan il-jum kien ikun hemm minn jissogra joħroġ liebes ta' maskarat, għalkemm dan ma kienx permess mil-liġi. Il-briju bit-taħbit tal-landi u t-tnabar lanqas ma kien jonqos.

Il-jum tal-Giovedì Grass f'Għawdex kien magħruf ukoll għall-ikla tradizzjonali li kienet issir fost il-familji. L-ikla aktarx kienet tkun xi ħaġa msajra l-forn. Issa dari n-nies ma kellhomx il-forn tagħhom jaħdem bil-gass jew bl-elettriku bħalma għandna llum. It-tisjir kien isir fil-fran tal-ħobż li Għawdex tista' tgħid kien mimli bihom, l-aktar fir-Rabat u fl-irħula l-kbar. Allura dak in-nhar il-fran kienu jaħdmu u jaħmu kemm-il darba bin-nies ġejjin u sejrin bl-ikel verament ifuħ b'riħa li taqsamlek qalbek. U waqt l-ikla, arah kulħadd jitħaddet fuq x'bi ħsiebu jilbes għall-karnival u x'bi ħsiebu jivvinta biex ikun kemm jista' jkun oriġinali u jdaħħak in-nies l-iżjed bla ma jintgħaraf.

Mill-Giovedì Grass ngħaddu għal Sibt il-Karnival, jum importanti ħafna fil-festi tal-Karnival f'Għawdex ta' dari. Sibt il-Karnival dari kien famuż għaliex fih kienu jsiru ħafna tiġijiet. Hawnhekk ma rridux ninsew li wara l-Karnival jiġi r-Randan u dari ħadd ma kien jista' jagħmel żwiġijiet solenni f'dan iż-żmien ta' penitenza. Allura t-tiġijiet kienu jsiru f'dan l-aħħar Sibt qabel Ras ir-Randan. U d-drawwa tant kienet qabdet li ħafna kienu jħallu proprju għal dan il-jum biex jiċċelebraw it-tieġ tagħhom. Xi drabi kien ukoll jinżamm patt bejn l-aħrajjes li t-tieġ tagħhom għandu jsir f'dan il-jum hekk magħruf għat-tiġijiet.

Hawnhekk nixtieqU nfakkru li t-tiġijiet ta' dari ma kinux bħal tal-lum. Dawn kienu jsiru fil-għodu għaliex tieġ fil-għaxija ma kinux jafu x'inhu. Ir-riċeviment ta' wara t-tieġ, li kien mqassam b'mod differenti minn dak ta' llum, kien isir fid-dar tal-għarusa. Infatti kien isir arranġament biex jinkrew siġġijiet minn xi knisja u d-dar tiġi mżejna għall-okkażjoni. Wara r-rabta, li ssir fil-knisja, il-ħaddara, jiġifieri l-mistednin tat-tieġ, kienu jinġabru fid-dar tal-għarusa fejn jieħdu r-rigali magħhom.

Ir-riċeviment kien jibda b'kikkra kokodina u jkompli wara bil-ħelu bħal biskuttini, bankonċini, frott tal-ħelu, perlini, pasti u panedispanja u xorb bħar-rożolin, likuri ta' kuluri differenti fosthom krema tal-menta - lewn aħdar, xorb it-tut - lewn id-demm, inbid ħelu, u brandy u whisky għall-irġiel. Biż-żmien kien daħal ukoll il-ġelat.

Biex iferrħu lill-mistednin għall-okkażjoni kienu jġibu l-Orkestra tad-Dudi ta' Santa Luċija, imsejħa hekk għar-raġel li waqqafha. Din l-orkestra kienet tikkonsisti minn tliet vjoli u kuntrabaxx. Dawn tad-Dudi kienu jduru ma' Għawdex kollu jdoqqu arji Maltin u Għawdxin antiki mhux biss fit-tiġijiet, imma f'kull okkażjoni soċjali oħra ta' dawk iż-żminijiet.

Ċertament, it-tiġijiet f'Sibt il-Karnival kienu jieħdu dehra verament ferreħija l-aktar meta qabel ma jitilqu għal Qamar il-Għasel, l-agħrajjes kienet tinxtħet fuqhom xita ta' ross, bix-xewqa li jkollhom hafna u ħafna wlied, għaliex ir-ross li jintefa' fuq l-agħrajjes ma jfisser xejn ħlief il-fertilità, l-awgurju li jkomplu l-amar ta' Alla u joktru u jiżdiedu.

F'Malta Kumittiva kienet tfisser grupp ta' daqqaqa u żeffiena li jduru jiddevertu mat-toroq, imma f'Għawdex il-Kumittiva tfisser żifna folkloristika organizzata, tixbaħ il-Maltija. Kienet żifna li proprjament tikkonsisti minn diversi żifniet: il-kollura, is-salib, il-mina, l-Ingliża, il-Franċiża, kannizzata, il-parata u żifniet oħra madwar arblu b'ħafna ġagarelli kkuluriti li fil-quċċata tiegħu jkun hemm qoffa żgħira tawwalija. Fl-aħħar daqsxejn ta' tifla tiġi merfugħa fil-għoli miż-żeffiena tal-Kumittiva. Kienu jdawruha, jiġifieri jiżfnuha, fil-pjazez u l-wesgħat kollha tar-raħal u tar-Rabat. Iż-żfin kien ikun akkumpanjat mid-daqq ta' l-argunett, iż-żafafa jew rabbaba, it-trijanglu u t-tambur. Dari l-kumittiva kienet tinsab fl-irħula ta' San Lawrenz, ta' Kerċem u tax-Xagħra.

Wara Sibt il-Karnival jiġi Ħadd il-Karnival, l-ewwel wieħed mit-tlett ijiem folkloristiċi. Maskarati kulfejn tħares, bejjiegħa tal-ħelu: perlini, kosbor u ħelu taż-żambur u għors sħiħ ir-Rabat fl-inħawi tat-Tokk u ta' Pjazza Savina. U hawnhekk ma nistgħux ma nsemmux it-tifkira ta' wieħed Għawdxi li tant kien iħobb il-karnival: Feliċ is-Suffarell. Dan Felic kien jaf idoqq it-tambur mhux biss bil-pala ta' idejh, imma wkoll b'saqajh, b'rasu u b'imnieħru fost iċ-ċapċip li jtarrax tan-nies li kienu jarawh. Għalih il-Karnival kienet l-aqwa festa tas-sena. Miegħu nistgħu nsemmu lil Fredu Spiteri ta' l-Everist li waħdu kien jagħmel Karnival bil-praspar u bit-taqbil tiegħu matul it-tlett ijiem tal-Karnival. Il-Karnival ta' bil-lejl kien xi ħaġa speċjali għal Għawdex meta mat-toroq tagħna ma kontx tilmaħ ħlief figuri strambi lebsin kull xorta ta' lbies li jdaħħak jew li jbeżża': xjaten, torok, fatati lebsin l-abjad: dawk tal-liżar b'xi bużżieqa fuq rashom, jew bil-qanpiena, inkella bil-fanal u bi xkupa minn taħt li meta jfettlilhom igħolluha 'l fuq u liżar ieħor jitla' 'l fuq u hekk il-figura umana tidher bil-wisq itwal milli fil-fatt tkun. It-toroq u l-ħwienet kienu jidwu bil-briju li jaf joħloq ir-Re ta' Karnival liebes il-kostum, bil-kuruna f'rasu, u jdoqq iż-żafżafa, strument tradizzjonali tal-Għawdxin.

Fis-sena 1952 il-Karnival beda jiġi organizzat b'kumitat apposta magħmul minn Pawlu Portelli tal-Lingi bħala President, Koli Apap bħala Segretarju u Ġużè Aquilina u xi nies oħra bħala membri. L-isfilita issir ir-Rabat u fil-bidu l-premjijiet kienu jinġabru mill-membri tal-Kumitat stess. Wara beda jagħti l-għajnuna tiegħu l-Gvern. Il-Karnival ta' Għawdex kien ħa xejra oħra u minn dak in-nhar baqa' jiżviluppa kif narawh illum, għalkemm l-aspetti tradizzjonali, b'xorti ħażina, naqsu ħafna.

# Madre Margerita Debrincat

## It-triq lejn il-qdusija



"Mietet il-qaddisa tal-Franġiskani". Hekk jingħad li lissnu xi nies meta fit-22 ta' Jannar 1952 tħabbret il-mewt ta' Madre Margerita De Brincat. Għaddew 36 sena minn dak inhar meta f'Lulju 1988 Mons Isqof Cauchi fetaħ proċess djoċesan biex isir stħarriġ dwar ħajjet Madre Margerita bil-għan li tkun dikjarata qaddisa. Dan il-proċess, li huwa l-ewwel wieħed ta' din ix-xorta li qatt sar fid-djoċesi t'Għawdex, ingħalaq fit-22 ta' Jannar li għadda.

Meta dan l-aħħar kien hawn il-Postulatur tal-kawża tagħha u kien qed iżur il-bażilika ta' San Ġorġ, dan ħa f'idejh ir-reġistru tal-Magħmudija u x'ħin sab fejn hija mniżżla d-data tal-magħmudija ta' Madre Margerita, qal: "Inroddu ħajr lil Alla, għax hawn bdiet il-mixja għall-qdusija ta' Margerita". Din Madre Margerita, jew Virginia kif kien jisimha qabel saret reliġjuża, twieldet f'ta' Kerċem fit-28 ta' Novembru 1862. Mikielanġ u Katerina DeBrincat, il-ġenituri tagħha, b'kollox kellhom ħdax tfal.

Meta kellha 15-il sena, fl-1877, Virginia ġiet aċċettata fl-għaqda tat-"Tnax il-Kewkba tal-Qalb ta' Ġesù" li kellhom bħala direttur spiritwali lil Dun Ġużepp Diacono. Għall-ewwel din kienet għaqda ta' formazzjoni, imma f'temp ta' ftit snin xi wħud mill-membri għamlu l-konsagrazzjoni tagħhom lil Alla u bdew jgħixu ħajja komuni skond ir-Regola tat-Tielet Ordni ta' San Franġisk. Virginia ingħaqdet magħhom fi Frar 1881 u dak inhar tal-professjoni perpetwa, fl-1887, ħadet l-isem ta' Swor Margerita tal-Qalb ta' Ġesù. Fl-1884 saret Segretarja Ġenerali u fl-1888 intgħażlet bħala superjura ta' l-ewwel dar tas-sorijiet f'Malta. Kien f'dan il-perijodu li Dun Ġużepp Diacono bħal qata' qalbu, ried iżarma dak li kien bena, imma Madre Margerita offriet li terfa' fuq spallejha r-responsabilità tal-Kongregazzjoni.

Hawn tibda l-istorja ta' Madre Margerita bħala fundatriċi tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù. Damet Superjura Ġenerali sal-1923. Bit-tħabrik tagħha, is-sorijiet mhux biss komplew jiftħu kunventi f'Malta imma ħarġu barra minn xtut ġżiritna: l-ewwel dar li fetħu barra kien f'Korfù fejn kien hemm għadd ta' emigranti Maltin; imbagħad komplew jespandu fi Sqallija (1922). Ftit wara li spiċċat minn Superjura Ġenerali, is-sorijiet Franġiskani waslu l-Etjopja (1925) u Ruma (1926).



**Il-*Casa Madre* fi Triq Palma**



**Mument mill-quddiesa li saret fil-Bażilka ta' Pinu li saret nhar it-22 ta' Jannar 2000 f'għeluq il-Proċess Djoċesan**

Bl-eżempju u bil-kelma hija kienet ta' ispirazzjoni qawwija għas-sorijiet u l-lajċi li ġew f'kuntatt magħha. Dan jixhduh d-diversi kitbiet u studji li saru f'dawn l-aħħar snin dwar l-ispiritwalità ta' Madre Margherita.

Matul il-proċess djoċesan, il-Knisja ppruvat tiġbor kemm jista' jkun tagħrif dwar x'għamlet il-Qaddejja t'Alla Madre Margerita u kif hija għexet il-virtujiet nsara. Din l-informazzjoni kellha tliet għejjun prinċipali: (a) xhieda mogħtija minn dawk li jafuha personalment: k'kollox kien hemm 86 persuna li taw ix-xhieda tagħhom; (b) imbagħad sar studju minn ċensuri teoloġi tal-kitbiet tagħha, li jinkludu 187 ittra li hija kitbet lid-diretturi spiritwali tagħha, lis-sorijiet sħabha u lil xi lajċi; 11-il Ittra Ċirkulari u 17-il relazzjoni dwar visti kanoniċi; (ċ) kummissjoni magħmula minn esperti fl-istorja u l-arkivistika ppreżentat rapport li jiġbor fih d-dokumenti manuskritti u ppubblikati li b'mod jew ieħor għandhom x'jaqsmu mal-kawża.

L-atti tal-proċess jinkludu wkoll: [i] tagħrif dwar għadd ta' każi fejn persuni jallegaw li Alla sema t-talba tagħhom bl-interċessjoni tal-Qaddejja t'Alla; [ii] tagħrif dwar esperjenza ta' lajċi f'Catania li jiltaqgħu fi gruppi ta' talb "Madre Margerita". Dawn il-fatti huma ndikazzjoni li l-Qaddejja t'Alla tgawdi fama ta' qdusija fost diversi persuni.

Meta f'Jannar li għadda f'Ta' Pinu Mons. Isqof ikkonkluda l-proċess, huwa għadda din id-dokumentazzjoni kollha lill-Postulatur biex iwassalhom lill-Kongregazzjoni għall-Kawżi tal-Qaddisin f'Ruma, fejn hemm jibda l-istudju tal-kawża li għandu jwassal biex il-Papa l-ewwel jiddikjara li l-Qaddejja t'Alla għexet il-virtujiet insara b'mod erojku; imbagħad, meta Alla jippermetti li jkun hemm miraklu bl-interċessjoni ta' Madre Margerita, il-Papa jiddikjaraha Beata. Il-ftuħ ta' l-Atti tal-proċess fil-Kongregazzjoni tal-Qaddisin sar fis-16 ta' Frar li għadda. Nitolbu biex tkun magħmula r-rieda t'Alla.

L-Aħjar Kotba għar-Randan tal-Ġublew 2000 mil-

LUMEN CHRISTI PUBLICATIONS

1. **L-Imitazzjoni ta' Kristu** - Kempis (1996) Lm1.50
2. **Il-Mixja Spiritwali** - Scupoli (1999) Lm1.50
3. **Kristu - Ħajtu u Tagħlimu** - P. Sammut (1997) Lm3.50
4. **Il-Ġublew - x'inhu u għaliex** - Mons Salv Borg (1999) Lm1.50
5. **Nistrieħu fil-Mulej** - A. Sultana (1984) Lm1
6. **Ġawhar ta' San Ġwann tas-Salib** - A. Camilleri (1992) Lm1
7. **Pariri Spiritwali tal-Beatu Patri Piju** - A. Parente / R.Galea (1999) 50c
8. **Ma' Ġesù fit-Tbatija** (1 edizzjoni, 1998) 25c
9. **F'Riġlejn Kristu Msallab** (3 edizzjoni, 1999) 25c
10. **Fi Ħdan l-Addolorata** (3 edizzjoni, 1999) 25c

Dawn u kotba oħra tal-*Lumen Christi Publications* jistgħu jinkisbu mil-librara ewlenin tal-kotba reliġjużi f'Malta u f'Għawdex.

# L-UNJONI EWROPEA U GĦAWDEX

*jirrapporta Dun Eddie Zammit*

Dwar l-Unjoni Ewropea u Malta issa ilna nisimgħu ftit mhux ħażin. Hemm min hu favur li nidħlu membri shaħ u min qed jirraġuna li għalissa ma jaqblilniex li nagħmlu dan il-pass. Forsi jista' jsir aktar 'il quddiem. Hu x'inhu ser ikun l-elettorat Malti u Għawdxi li, wara li jistudja sewwa ċ-ċirkustanzi kollha, jesprimi x-xewqa tiegħu f'referendum li jrid isir aktar 'il quddiem. Però fuq liema kriterji wieħed ser ikun jista' jifformula ġudizzju oġġettiv dwar jekk jaqbel jew ma jaqbilx għal pajjiżna sħubija sħiħa fl-Unjoni Ewropeja?

Għalhekk ġie f'mument opportun is-seminar li organizzat dan l-aħħar il-Kamra tal-Kummerċ t'Għawdex, organizazzjoni ġdida li tiġbor fi ħdanha l-kummerċjanti Għawdxin. Is-suġġett ta' dan is-Seminar kien l-effetti ta' sħubija fl-Unjoni Ewropeja fuq il-gżira t'Għawdex. Is-seminar inżamm fil-lukanda Imġarr nhar il-Ġimgħa 28 ta' Jannar, u ġie sponsorjat mill-Ministeru għal Għawdex u mill-HSBC.

Is-seminar fetaħ bl-introduzzjoni ta' l-ekonomista Lino Briguglio, li tkellem dwar l-aspetti ta' limiti u possibiltajiet tal-gżejjer żgħar. Fi ħdan l-Unjoni Ewropeja hemm għoxrin gżira reġjun, li fihom hemm joqgħodu madwar 13-il miljun ruħ. Il-possibiltajiet ekonomiċi fi ħdan gżira żgħira qegħdin fil-qasam turistiku u f'dak finanzjarju. Il-limiti qegħdin fiċ-ċokon ekonomiku, l-insularità, periferibilità u fraġilità ambjentali. Profs. Briguglio semma li diversi awtoritajiet fi ħdan il-gżejjer li jagħmlu parti mill-Unjoni Ewropea talbu lill-istess Unjoni għajnuna meta nstab li ċerti miżuri ta' l-Unjoni ħallew impatt negattiv fuq l-istess gżejjer. Uħud talbu biex jitrażżnu l-ispejjeż marbuta mat-trasport.



*Jean Didier Hache*

Kelliem ieħor kien Jean Didier Hache, Segretarju ta' "Islands' Commission Conference of Peripheral Maritime Regions of Europe". Hache semma li Malta jeħtieġ tipprepara ruħha sewwa għan-negozjati li ser jibdew u saħaq li l-gvern għandu jinsisti dwar il-fatt tal-gżira t'Għawdex bħala reġjun biex ikun jista' jikseb aktar drittijiet għal Għawdex.

TAL-ĦWAWAR

**Issa Tista'**
**Tħawwar il-Borma**
**bħal Dari**

**Issib Ħwawar, Ħxejjex Aromatiċi, Frott Imqadded għall-Ħelu u Prodotti oħrajn għall-Ikel**

***14 - 15 Kerċem Road, Victoria, Gozo. Tel. 562160.***

Fid-diskors tiegħu, l-ekonomista Alfred Mifsud semma li l-pajjiż jista' xorta waħda jkompli miexi 'l quddiem ekonomikament kemm jekk jidħol bħala membru sħiħ fl-Ewropa, kif ukoll jekk jagħżel triqat oħra. "Jekk neżerċitaw dixxiplina fuqna nfusna xorta nistgħu inkabbru l-ġid tagħna", insista Alfred Mifsud.

L-avukat Michael Frendo spjega kif il-Parlament Ewropew kien wieħed mill-aqwa sostenituri tar-reġjuni li huma gżejjer. Infatti, l-istess parlament sejjaħ biex jinħadmu programmi speċjali għal dawn il-gżejjer.

F'dan is-seminar tkellem ukoll l-industrijalist Għawdxi John Magro li hu l-President tal-Kamra tal-Kummerċ t'Għawdex, kif ukoll Dr. Joseph Ellis. Mill-aspett politiku tkellem l-Onor. Anton Refalo u Dr. Alfred Sant għall-oppożizzjoni Laburista, u l-Onor. Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex u l-Prim Ministru Eddie Fenech Adami għall-Gvern Nazzjonalista.

Fid-diskors tiegħu, il-President tal-Kamra tal-Kummerċ Għawdxija, is-Sur John Magro, semma' l-problemi li Għawdex qed jiltaqa' magħhom fil-kamp tal-kummerċ, u dan primarjament minħabba l-insularità doppja tiegħu. F'eventwalità ta' negozjati mal-Komunità Ewropea wieħed irid jara kemm ser jittieħdu bis-serjetà l-problemi speċifiċi t'Għawdex f'dak li għandu x'jaqsam mat-trasport, it-turiżmu u l-agrikoltura. Filwaqt li rrefera għall-problemi tal-faċiltajiet tal-portijiet, is-Sur Magro wera l-apprezzament tal-Kamra għall-proġett tal-vapuri l-ġodda tal-Gozo Channel. Hu sostna però li l-qasam tat-trasport marittimu ma jieqafx hawn. Il-President tal-Kamra tal-Kummerċ Għawdxija ssuġġerixxa iktar investiment fil-qasam turistiku u agrikolu f'Għawdex. Fil-qasam turistiku wieħed jista' jinvesti fil-korsa tal-golf, *theme parks*, faċilitajiet sportivi aħjar, iktar attivitajiet kulturali,



***Is-Sur J. Magro (l-ewwel mix-xellug), flimkien ma' mistiedna distinti tas-seminar***

investiment fil-preparazzjoni taż-żgħażagħ biex ikunu lesti jagħtu servizzi "five star". Fil-qasam agrikolu sar suġġeriment biex tiġi protetta l-kampanja Għawdxija, u l-prodotti reġjonali Għawdxin. Suġġeriment ieħor jittratta minn għajnuna lill-bdiewa biex dawn jaġġornaw il-metodi tat-trobbija ta' l-annimali, kif ukoll jiġu mgħallma metodi ġodda agrikoli, bħalma hi l-*organic farming*. *Dulcis in fundo* is-Sur Magro sejjaħ biex terġa' titqajjem id-diskussjoni dwar l-*airstrip* f'Għawdex għal ajruplani *fixed wing*, kif ukoll għal ħolqien ta' ż0ona industrijali ħielsa fil-qasam industrijali tax-Xewkija.

BUGEJA
FISH MARKET
*Fish Supplies*
MGARR ROAD GHAJNSIELEM - GOZO
Tel: 560686 / 555668
• Telecell: 099 3661 • Res: 551389

# KUMPLESS RESIDEZJALI TAL-MAS GĦALL-ANZJANI



Il-Ħadd 23 ta' Jannar, il-President ta' Malta Dr. Guido de Marco inawgura uffiċċjalment il-Kumpless Residenzjali tal-Moviment Azzjoni Soċjali għall-Anzjani fi Triq l-Imġarr, Għajnsielem Għawdex. Dan il-bini ġie mbierek mill-Isqof t'Għawdex Nikol Cauchi. Dan il-Kumpless huwa l-ewwel *sheltered housing* fil-gżejjer tagħna. Meta jkun komplut kollu ser ikun jikkonsisti fi tliet blokki ta' bini. L-ewwel tnejn fil-fatt diġà huma mitmuma. Fl-ewwel blokk ser ikun hemm ċentru ta' akkoljenza għal bil-lejl, jew għal xi jiem meta tinqala' l-ħtieġa li l-anzjan ikun ser jisfa waħdu mingħajr assistenza (*respite*), struttura ta' attività edukativa kulturali u soċjali, kif ukoll servizz ta' assistenza ta' 24 siegħa, ristorant, u l-amministrazzjoni. Fl-istruttura fejn huwa maħsub li jkun hemm attività edukattiva hu maħsub li jsiru seminarji, konferenzi u korsijiet marbuta ma' studju dwar l-anzjani.

Fit-tieni blokk ġew mibnija tnax l-appartament residenzjali. Il-kumplament ta' l-appartamenti ser jinbnew aktar 'l quddiem fit-tielet blokk. Perċentwali limitata ser tkun riservata għal persuni b'diżabiltà li jkunu jistgħu jieħdu ħsieb tagħhom infushom. Perċentwali oħra limitata ta' appartamenti ser tkun riservata għal persuni singoli ta' età matura li jkunu jgħixu waħedhom. Ma' dan il-kumpless ġie inawgurat ukoll servizz tal-*catering,* li bħalissa qed joffri s-servizz "*Meals on Wheels*" lil dawk l-anzjani li xtaqu dan it-tip ta' servizz li ġie imniedi dan l-aħħar f'Għawdex. Diversi anzjani faħħru is-servizz tiegħu.

Ta' min isemmi li f'dan il-proġett hemm imsieħba flimkien mal-MAS kemm id-Djoċesi t'Għawdex, li permezz tal-Kurja Djoċesana offriet l-art għall-proġett, kif ukoll il-Gvern Malti permezz tal-Ministru tal-Politika Soċjali, li offra għajnuna finanzjarja sostanzjali biex seta jinbeda l-proġett. Għajnuna oħra inġabret minn għand diversi benefatturi kif ukoll minn ġbir li sar apposta għal dan il-proġett. Dan is-sostenn finanzjarju ser ikompli jkun meħtieġ biex jitħallsu l-ispejjes marbuta ma' l-amministrazzjoni tal-post kif ukoll mat-tkomplija tal-proġett.

Preżenti għall-inawgurazzjoni, minbarra l-President tar-Repubblika Dr. Guido de Marco u l-Isqof t'Għawdex Mons. Nikol Cauchi, kien hemm ukoll l-Ispeaker Mr. Anton Tabone, il-Viċi Prim Ministru Dr. Laurence Gonzi, l-Onor. Giovanna Debono Ministru għal Għawdex, is-Segretarju Parlametari responsabbli mill-anzjani Dr. Antoine Mifsud Bonnici, membri parlamentari Għawdxin, kif ukoll Mons. Fortunato Mizzi President tal-Kumitat Organizzattiv, Miss. Carmelina Debono Presidenta ċentrali tal-Movimet Azzjoni Soċjali, L-Arċipriet ta' Għajnsielem, kif ukoll is-Sindku ta' l-istess raħal flimkien ma' membri tal-M.A.S .

# KONKORS ŻAGĦŻUGĦ / STUDENT MISSJUNARJU TAS-SENA

*Għall-ewwel darba, il-Grupp Missjunarju Għawdxi qed iniedi Konkors "Żagħżugħ/ Student Missjunarju tas-Sena".*

*L-iskop ta' dan il-Konkors huwa li nkomplu nnisslu fl-istudenti u fiż-żgħażagħ tagħna kuxjenza missjunarja, jew aħjar "awareness" ta' dawk il-ġrajjiet kollha li jgħaddu minnhom il-missjunarji fl-artijiet fejn huma qegħdin iwasslu l-Kelma ta' Kristu. B'dan il-Konkors, il-Grupp Missjunarju Għawdxi jixtieq li titnissel solodarjetà u responsabiltà ma' dawk kollha li jinsabu jaħdmu fid-dinja missjunarja.*

***Regolamenti***

*Il-Grupp jistieden lill-Arċiprieti, Kappillani, għalliema tar-reliġjon, reliġjużi, eċċ., biex jitkellmu dwar dan il-konkors ma' l-istudenti u żgħażagħ li magħhom jiltaqgħu.. L-istudenti u ż-żgħażagħ iridu juru nteress f'dak li hu diskors missjunarju: kollezzjoni ta' aħbarijiet missjunarji, l-aktar dwar il-missjunarji Maltin u Għawdxin; korrispondenza ma' xi missjunarji; "projects" dwar il-missjoni; kollezzjoni ta' bolli ta' l-artijiet tal-missjoni... biex imbagħad ix-xogħol li jsir ikun jista' jiġi spjegat f'diversi laqgħat ma' studenti fil-klassijiet tad-duttrina jew ma' żgħażagħ oħra.*

*L-istudenti jew żgħażagħ li jixtiequ jidħlu għal dan il-Konkors iridu jkunu għalqu t-13- il sena. Il-parteċipazzjoni f'dan il-Konkors tikkonsisti f'diversi formuli li l-applikant u r-responsabbli ta' kull applikant għandhom jimlew.*

*L-istudenti/żgħażagħ Maltin u Għawdxin huma mistiedna biex jipparteċipaw f'dan il-Konkors.*

*L-applikazzjoni għandha tintbagħat sal-31 ta' Mejju 2000 f'dan l-indirizz:*

*Konkors Żagħżugħ/Student Missjunajru tas-Sena*
*Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù*
*Rabat - Għawdex*




ALMAR PETSHOP

fejn issibu kull kwalita ta'
Żrieraħ, Pjanti, Fjuri, Għasafar
u Bexx għal kull tip ta' mard
għal uċuħ ir-raba

Ninu Cremona Street
Victoria VCT111, Gozo
Tel: 553948 / 557226

Qronfli

FRESH & ARTIFICIAL FLOWER
ARRANGEMENTS FOR ALL OCCASIONS

Specializing in: WEDDING BOUQUETS,
CHURCH & RECEPTION DECORATIONS,
FUNERAL WREATHS

J. Azzopardi,
46, Mikiel Farrugia Street,
Xagħra, Gozo.



Tel. 552759.

*RANDAN 2000*

# GĦAJNUNA LILL-MISSJUNARJI GĦAWDXIN

*Il-Grupp Missjunarju Għawdxi jistieden lill-Għawdxin kollha biex f'dan ir-Randan jaħsbu kif jistgħu jgħinu lill-Missjunarji Għawdxin li bħal Ġesù qed ixandru l-Bxara t-Tajba lil ħutna li għadhom ma semgħux bl-Evanġelju ta' Kristu. Ħafna drabi l-Missjujnarji jgħaddu minn esperjenzi ta' tbatija u f'dawn il-mumenti jkunu jeħtieġu t-talb u l-karità tagħna. Niftakru x'jgħidilna Ġesù fl-Evanġelju: "Kont bil-ġuħ u tmajtuni, kont bil-għatx u sqejtuni" (Mt. 25,35). F'dan ir-Randan ieqaf ftit u aħseb kif bis-sagrifiċċji li tagħmel inti tista' tgħin lill-Missjunarji Għawdxin li żgur jeħtieġu l-għajnuna tagħna. Kun għaqli u agħti l-kontribut tiegħek lil dawn ħutna billi tagħti l-offerta tiegħek fl-Account ta' l-APS Bank (Current Account - 127013 30 011). Grazzi ta' l-għajnuna tagħkom.*

*Il-Grupp Missjunarju Għawdxi*

## Ir-Radju R.T.K. fuq l-*Internet*

**http://www. di-ve. com**

Fost il-programmi mtella' minn Għawdex, tistgħu tisimgħu il-programm "Il-kelma ta' l-Isqof", il-Ħamis fid-9.15 a.m.

## Il-Ħajja f'Għawdex

**http://www.gozodirect.com/ lumenchristi**

*Ibagħtu dawn l-indirizzi lill-emigranti tagħkom.*

**Salad Bar**

George Borg Olivier Str.,
Victoria - Gozo. (near Eurosport) Tel: 565059

THE HEALTHY CHOICE

**TAL-KELBA LTD.**

*** BUILDING CONTRACTOR**
*** CRANE & GENERATOR HIRE**

*Contact: RAYMOND CEFAI*
*"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.*
*Tel. 557847; 562532. Mobile 099 3169*

## NIFIRĦULU!



*Il-Bord Editorjali tar-Rivista "Il-Ħajja f'Għawdex" jifraħ lil* ***DUN ANTON SULTANA,*** *amministratur ta' din ir-rivista, għall-unur li ġie mogħti dan l-aħħar mill-Kunsill Lokali tal-Qala. Dun Anton ġie mogħti "Ġieħ il-Qala" għall-ħidma pastorali li wettaq fil-parroċċa tal-Qala, kemm bħala saċerdot kif ukoll bħala Arċipriet bejn is-snin 1983-1991. Fil-preżent Dun Anton qed jagħti s-sehem tiegħu fil-"Lumen Christi Bookshop", il-"Lumen Christi Publications", kif ukoll fl-amministrazzjoni tar-Rivista "Il-Ħajja f'Għawdex". Kien ukoll bis-saħħa tiegħu li l-Bord attwali ta' din ir-rivista daħal għall-ispejjeż ġodda fil-preżentazzjoni ġdida tar-rivista djoċesana, proġett li kien jinvolvi ħafna ħsieb biex jinstabu l-finanzi kbar li hemm marbuta ma' kull ħarġa. Dun Anton jieħu ħsieb il-pubbliċità li tidher fir-rivista, u dejjem ifittex kif se jsib benefatturi u sostenituri li jgħinu fl-ispejjeż marbuta ma' l-istampar tar-rivista. Mill-kummenti li waslulna jidher li kien hemm apprezzament qawwi għat-titjib li sar fir-rivista. Mingħajr il-ħidma ta' Dun Anton u ta' saċerdoti oħra li jaħdmu fil-Media Centre, kienet tkun xi ftit diffiċli li nagħmlu din il-qabża fil-kwalità ta' preżentazzjoni tar-rivista. Mingħajr ma ninsew il-ħidma ta' diversi persuni oħra, saċerdoti u lajċi, jidhrilna li f'din l-okkażjoni ta' dan l-unur nagħtu aħna wkoll l-awguri mill-qalb lil Dun Anton tas-sehem tiegħu anki f'dan il-qasam tal-media djoċesana t'Għawdex.*

***Il-Bord Editorjali***





# Xi tkun Via Sagra Marjana?

**F'dan ir-Randan Speċjali tal-Ġublew 2000 żgur li ħadd daqs il-Verġni Marija ma jista' jgħinna nifhmu aħjar u napprezzaw il-merti tat-tbatija f'għaqda ma' Kristu Msallab.**

Akkwista mela:

- **Il-Ktieb tal-Via Sagra *"Ħadha Għandu"*** jiswa 50c
- **Cassette bl-istess Ħsibijiet tal-Via Sagra għall-Morda** tiswa Lm 2.50

*Fil-ktieb issib ritratti tal-Via Sagra li tinsab fuq il-Għolja ta' Għammar quddiem is-Santwarju Ta' Pinu. Jinkisbu mis-Santwarju Ta' Pinu, mil-Lumen Christi Bookshop, Victoria, u mill-ħwienet ewlenin tal-kotba reliġjużi f'Malta u Għawdex.*

## *Ħafna raw il-Musical SKRUĠ u għoġobhom!*

Akkwistaw kopja tal-Vidjo biex jibqa' tifkira.
Iservi ta' rigal sabiħ għall-membri tal-familja kollha għal kull Milied.
Jinkiseb mill-Museum tan-Nadur u mil-Lumen Christi Media Centre, Għawdex
Jiswa Lm 5




# IL-FENIĊI (2)

## *Il-Feniċi fil-Gżejjer Maltin*

L-ewwel u qabel kollox ftit insibu kitba biex issaħħaħ il-fatt li l-Feniċi kienu jgħammru fil-Gżejjer Maltin, u anqas l-iskavi pjuttost importanti li saru f'Tas-Silġ, Marsaxlokk, ma jtuna ħafna evidenza arkeoloġika. L-istoriku Grieg, Diodorus Siculus, li kiteb fl-ewwel seklu qabel Kristu, jgħid li l-Feniċi okkupaw Malta biex ikollhom kenn fi triqthom fil-vjaġġi li kienu jagħmlu fil-Punent tal-Mediterran, fejn kienu jwettqu bosta mill-kummerċ tagħhom. Fl-istess passaġġ isemmi li huma kkolonizzaw lil Għawdex ukoll.

L-eqdem dokumentazzjoni arkeoloġika li tipprova li l-Feniċi kkolonizzaw lill-Malta tmur lura lejn l-aħħar tat-tmien seklu jew il-bidu tas-seba' seklu qabel Kristu. F'Għawdex, l-eqdem evidenza materjali hija datata bejn is-seba' u s-sitt seklu qabel Kristu. B'dan mhux bilfors irid jingħad li qabel dawn id-dati l-Feniċi ma kienux jgħixu fil-Gżejjer Maltin, imma li l-Fenici kienu għadhom ma stabilixxewx irwieħhom bħala l-kolonizzaturi tal-gżejjer. Għall-ewwel, il-baħħara mill-Feniċja probabilment kienu jieqfu fil-gżejjer biex jieħdu vantaġġ mill-portijiet tagħhom, minn fejn setgħu jieħdu l-ilma u l-ikel u jistkennu mill-maltemp. Imbagħad, meta raw li kien jaqblilhom, gradwalment bdew inisslu gruppi żgħar fuq il-gżejjer tagħna fejn kienu jgħammru f'kundizzjonijiet sempliċi. Dawn l-abitanti tal-gżejjer tagħna kienu jlestulhom il-bżonnijiet għal meta jerġgħu jżuru l-gżejjer fil-vjaġġi tagħhom. Din l-attività ftit setgħet ħalliet xi forma ta' evidenza arkeoloġika għal bosta għexieren ta' snin. Anqas huwa possibli li wieħed jgħid xi kwalità ta' relazzjoni kienet teżisti bejn l-aħħar nies ta' Żmien il-Bronż u l-ewwel Feniċi li kkolonizzaw il-Gżejjer Maltin. Jidher li l-ewwel kuntatti ma sarux qabel it-tmien seklu qabel Kristu. Dan joħroġ minn tagħrif meħud mill-iskavi li saru minn missjoni arkeoloġika Taljana mill-Università ta' Ruma f'Tas-Silġ, Marsaxlokk. Hemmhekk instab l-eqdem materjal ta' Żmien il-Feniċi (bejn it-8 u s-7 seklu q.K.) immedjatament fuq strata ta' materjal ta' Żmien il-Bronż, fażi tal-Baħrija, li ġiet fi tmiemha madwar it-tmien seklu qabel Kristu.

F'Tas-Silġ ġew misjuba erba' fażijiet distinti ta' okkupazzjoni : dik preistorika , Feniċja/Punika, Rumana u Biżantina. Fdalijiet ta' fuħħar, ġebel, avorju u għadam li fuqhom hemm imnaqqax l-isem ta' l-alla Feniċa Axtarte, juru li l-post kien użat bħala tempju dedikat lilha. Dan il-maqdes, li l-oriġini tiegħu tmur lura għall- bidu tas-seba'



*Tliet amuletti Feniċi jirrappreżentaw lil Ptah (xellug), Bastet, li kellha ras ta' ljun (nofs) u Thot (lemin). Divinitajiet Eġizzjani misjuba f'Ħorob ukoll.*

seklu jekk mhux it-tmien seklu qabel Kristu, kien jinkorpora miegħu l-fdalijiet ta' tempju ta' żmien it-tempji megalitiċi, imma li kienu biddlu u żiedu miegħu biex jadattawh għall-bżonnijiet tal-kult tal-Feniċi.

It-tempju ta' Axtarte, f'Tas-Silġ, huwa l-istess tempju ta' Ġuno imsemmi mill-oratur Ċiċerun, u l-istess tempju ta' Ħera msemmi mill-ġeografu Ptolemju, li jsemmi tempju ieħor dedikat lil Erkole, li hu l-istess alla tal-Feniċi Melkart. Il-post fejn jinsab dan ta' l-aħħar għadu mhux magħruf.

Ftit nafu dwar fejn rawwmu l-irħula tagħhom il-Feniċi. Imma hu fatt magħruf li l-Feniċi ma qagħdux biss mal-kosta tal-gżejjer imma daħlu aktar 'il ġewwa, fejn anke waqqfu l-belt ta' Malta fil-post fejn illum hemm l-Imdina u r-Rabat, u waqqfu belt oħra f'Għawdex fejn hemm ir-Rabat (Victoria). Dawn jikkorrispondu mal-ismijiet tal-bliet ta' *Melita* u *Gaulos* rispettivament, li huma msemmija minn Ptolemju li jġibu l-istess isem tal-gżejjer tagħna. Ptolemju, li kiteb fit-tieni seklu wara Kristu, jirreferi għal dawn iż-żewġ bliet bl-isem Grieg, imma *Gaulos* huwa evidentement meħud mil-lingwa feniċa "*gwl*" li tinstema' *gawl,* li tfisser xi tip ta' mirkeb merkantili. L-isem Feniċju għal Malta kien "*ann*" li tinstema' *anan* (ħanina), li tista' tfisser ukoll mirkeb. Huwa possibli li semmewhom hekk għaliex l-ewwel baħħara Feniċi x'ħin bdew jersqu lejn l-art, mill-bogħod lemħu l-gżejjer qishom żewġ



*L-għajn ta' Udġat: amuletti Eġizzjani li juru s-simbolu sagru ta' l-għajn. Dan is-simbolu jfakkarna fl-għajn li spiss naraw fuq quddiem tal-luzzijiet tas-sajjieda tagħna. (Misjuba f'qabar Feniċju f'Tal-Ħorob, Xewkija fl-1951. Madwar il-5 jew ir-4 seklu q.K.*

vapuri fuq l-orizzont tal-baħar. Il-fdalijiet ta' dawn iż-żewġ ċentri fejn kienu jgħixu l-Feniċi llum jinsabu taħt il-bini li sar wara, imma l-antikità tagħhom inkixfet mill-materjal li ħareġ minn oqbra li nstabu fl-inħawi ta' l-Imdina u Rabat (Malta) ta' madwar it-tmien u l-bidu tas-seba' seklu q.K., u dawk fir-Rabat t'Għawdex ta' madwar is-seba' u s-sitt seklu q.K. Il-Feniċi kienu jidfnu qrib il-bliet tagħhom.




ECB
HOTEL & CATERING EQUIPMENT LTD.
ZANUSSI
PROFESSIONAL
REFRIGERATORS
DISHWASHERS
STEAM/CONVECTION OVENS
CANTILEVER SYSTEM
BLAST CHILLERS
More *technology* at your service,
more *service* for your work.
ECB
HOTEL & CATERING EQUIPMENT LTD.
40-41,Marina Street, Pieta, MSD 08. Tel: 233331, 243440 Fax: 241793

# X'ġara dan l-aħħar

(jaqbad minn paġna 7)

## Esibizzjonijiet



L-artist żagħżugħ Etienne Louis Grech tella' l-ewwel wirja tiegħu fis-Sala tal-Wirjiet fil-Ministeru għal Għawdex. Fil-wirja wieħed seta' jammira pittura, inċiżjonijiet fuq il-ħġieġ u statwi tax-xemgħa. Il-wirja ġiet inawgurata mill-Ministru għal Għawdex. Fir-ritratt jidher ukoll is-sur Joe Camilleri, viċi president tal-Kunsill Kulturali Għawdxi.
Wirja oħra, *The People of GWL*, ġiet imtellgħa minn Frank Cassar, li kienet tinkludi 26 statwa tat-tafal li kollha jfakkruna fil-ħajja tradizzjonali Għawdxija.

## Rikonoxximenti

Joe Scicluna ġie mogħti l-premju *Ġieħ Għajnselmiż* mis-Sindku ta' Għajsielem is-sur Francis Cauchi. Dun Anton Sultana ġie mogħti *Ġieħ il-Qala* mis-Sindku Paul Buttiġieġ. Il-familja Ellis minn Victoria ġie mogħtija l-*Premju Qalb tad-Deheb*



mill-Moviment ta' Kana. Mons. Ġużeppi Buttigieg ġie mogħti tifkira tal-fidda mid-direttur ta' Kana Fr. Louis Camilleri b'rikonoxximent għall-ħidma tiegħu ta' madwar tletin sena fil-Moviment ta' Kana f'Għawdex *(ara ritratt)*.

## Seminar dwar l-Unjoni Ewropea u Għawdex




*(ara rapport paġni 18-19)*

Spiteri Enterprises Ltd

SPITERI BATHROOM CENTRE
St. Leonard Street,
Victoria - Gozo
Tel. 559996, 560210. Fax. 563258

**Offerti Speċjali:**

- Kmamar tal-Banju kompliti għal Lm290 BISS
- Madum tal-ħajt u ta' l-art minn Lm 2.80
- Linef u kull tip ta' lighit fittings
- Fire Places, stoves u Heaters

***Dawn l-offerti huma validi sat-30 t'April***



# Ħsibijiet għar-RANDAN

miġbura minn A.Ċ.M.

## X'inhu r-Randan?

*Il-Misteru tal-fidwa jieħu 90 jum mis-Sena Liturġika*

a) Ir-Randan li hu 40 jum ta' tħejjija.
b) L-Għid li fih 50 jum ta' ċelebrazzjoni.

Ir-Randan, għalhekk, ma hux skop fih innifsu iżda MIXJA PENITENZJALI LEJN L-GĦID. Ir-Randan, bħar-Rebbiegħa, jiġi kull sena, iżda kull sena hu differenti bħalma r-Rebbiegħa hi differenti.

U din is-sena r-Randan hu Randan speċjali għax hu r-RANDAN TAL-ĠUBLEW IL-KBIR.

## L-iskop tar-Randan

1. Żmien ta' bidla u konverżjoni.
-Inpoġġu subgħajna fuq il-feriti
-Inqaċċtu l-vizzji mill-għeruq: suppervja, għira, għażż, korla, żina.

2. Żmien li nħarsu lejn "il-mera" li hu Kristu Msallab.
- biex neżaminaw il-kuxjenza tagħna.
- naraw jekk nixbħuhx jew le.
Dun Ġorġ Preca kien isejjaħ il-Kurċifiss "Il-Ktieb il-Kbir".

3. Żmien ta' mogħdija
a) mil-mard ngħaddu għall-fejqan
b) mit-taqbida ngħaddu għar-rebħa (bħal Ġużeppi mibjugħ minn ħutu)
ċ) mill-għatx għall-ilma ħaj (Samaritana)
d) mid-dlam għad-dawl (bħall-għami)
e) mid-dnub għall-indiema (l-Iben il-Ħali)
f) mill-mewt għall-ħajja (Lazzru)
g) mit-tbatija għall-glorja (bħal Kristu)

## *X'mezzi joffrilna r-Randan:*

### IL-KELMA T'ALLA

*Fir-Randan huwa l-Mulej li jieħu l-inizjattiva biex ilaqqagħna u jitmagħna bil-KELMA TIEGĦU*

*Il-parti tagħna hi li ninġabru nisimgħu u nirriflettu: għalhekk l-importanza ta' l-eżerċizzi mqaddsa, ta' xi ġurnata rtir, tal-priedki fuq il-Passjoni.*

### IT-TALB

*Ir-Randan huwa 40 jum għarkubbtejna.*

*Meħtieġa:*

- *Talb Liturġiku*
- *Talb personali*

### SAWM U ĊAĦDA

*Il-Knisja hija kuraġġuża li tmur kontra x-xejra tas-soċjetà konsumista. Titlobna mmorru "kontra l-kurrent": għalhekk sawm, ċaħda, sagrifiċċji. Min ma jrid jiċċaħħad minn xejn, min ma jafx jgħid "le" lilu nnifsu, juri li ma daħalx fl-Ispirtu tar-Randan.*

### KARITÀ

*Ir-Randan irid ikun Randan ta' Karità.*

- *Tiċċaħħad mil-lussu u mill-pjaċir biex tiftaħ qalbek għal Alla.*
- *Tiċċaħħad mill-ikel, xorb, alkoħol, TV. biex dak li tnaqqas tagħtih lill-foqra.*
- *Għalhekk agħti sehmek fil-kampanja ta' sagrifiċċji għall-karità,*

*fil-ġbir li jsir għas-Seminarju u l-opri tal-karità.*

*San Iljun kien jgħid: "dak li naqqast mill-pjaċiri, agħtih lid-dgħajfa u lil min hu fil-bżonn."*



## IR-RANDAN FIL-PARROĊĊA U FIL-FAMILJA

***Dak li jsir fil-parroċċa jisfuma fix-xejn jekk dan ma jitħejjiex u ma jitkompliex fil-familja.***

***Dawn huma t-tliet elementi li jrid ikellna fil-familja:***

- ***aktar talb: niftħu qalbna għal Alla***
- ***aktar karit`: niftħu jdejna għall-proxxmu***
- ***aktar ċaħda: ngħakksu lilna nfusna u l-ġibdiet tagħna.***

## BIEX IR-RANDAN JINĦASS FIL-FAMILJA

*SIMBOLI IMPORTANTI*

- ***Poġġi l-Kurċifiss f'post ċentrali fid-dar. Żejnu.***
- ***Il-Bibbja poġġiha fuq tron, ħalliha miftuħa u qallibha.***

*PENITENZA FIL-FAMILJA*

- ***Aqta' l-ħelu, alkoħol, tipjip żejjed.***
- ***Żomm atmosfera ta' awsterità, speċjalment nhar ta' Ġimgħa.***

*ŻOMM ID-DEVOZZJONIJIET TAR-RANDAN:*

- ***Il-Via Sagra għadha attwali***
- ***Il-Ġimgħat tar-Randan***
- ***Talb lir-Redentur, Kristu Msallab, Duluri***

***Pellegrinaġġi mal-Familja, speċjalment f'din is-sena tal-Ġublew.***

***Ersaq lejn il-Qrar.***

***Agħmel paċi m'Alla.***

***Irbaħ l-indulġenza tal-Ġublew.***




# Ħames Raġunijiet

"Fi tmiem it-tieni millennju, il-Knisja saret mill-ġdid Knisja tal-Martri" (*Tertio millennio adveniente*, 37). Qatt daqs fis-seklu 20 ma kien hawn insara li taw ħajjithom għal Kristu. U mhux biss għax illum hawn aktar nies fuq l-art. Mill-Imperu Ottoman sa l-Afrika ta' l-Għadajjar il-Kbar, mill-Messiku sa l-Albanija, minn Spanja sar-Russja, minn Salvador saċ-Ċina... hi twila l-lista.

Iżda hemm ħames ħwejjeġ li jfixkluna milli nintebħu b'dan u jġagħluna naħsbu li m'għadx fadal iżjed martri!


*16 ta' Novembru 1989 - Sitt Ġiżwiti ġew maqtula f' El Salvador*

1. In-Nażisti bagħtu għall-mewt insara kkundannati mhux għar-reżistenza tagħhom ispirata mill-fidi, iżda bi pretesti politiċi. L-istess għamlu l-Komunisti: insara maqtula ghax akkużati bħala spiji jew aġenti ta' l-imperjaliżmu, bħal Stepinac u Mindzenty.

2. Hu diffiċli llum tagħmel l-għażla tant qadima bejn il-martri (ibatu u jiġu maqtula) u l-konfessuri (ibatu u jibqgħu ħajjin) meta tqis kemm huma perfezzjonati l-modi ta' tortura fiżika, psikika u morali (hu l-lat negattiv tal-progress), li xi drabi l-insara ta' żmienna sofrew għal perijodi twal, bħal 20 jew 30 sena. Qassis li għex wara li għadda tant żmien f'lager komunista qal: "Kieku kont naf x'kien hemm jistennieni fil-kamp tal-konċentrament, kont nippreferi li jiffuċillawni. Iżda minkejja kollox kelli l-ferħ f'qalbi. Kieku ffuċillawni, bħalma għamlu lil tant qassisin oħra, kont insir martri. Illum hemm il-ħsieb li jagħmlu beatu lil dan jew lil dak il-martri, u jien, li sofrejt wisq aktar fit-tul minnhom, nista' nkompli nitbaħnan fuq l-art".

3. Diversi nsara li ġew maqtula minħabba l-fidi, vittma ta' vjolenza, ta' maltrattamenti, ta' drogi u ta' rikatti, għabu fid-dlam tal-lejl.

4. Il-bruda u l-abbandun min-naħa ta' l-istess insara: din hi l-agħar offiża kontra l-martri. Spiss, l-insara ma żammewx b'martri lil dawk tassew martri. Dan għamluh jew bit-tiekla ta' l-ħekk imsejjaħ "djalogu", "koeżistenza", "tolleranza", jew inkella għax emmnu aktar il-kelma tal-qattiela li ppruvaw jaħbu l-martirju u jġegħlu lil min jemmen li l-vittmi tagħhom ma humiex martri. Spiss injorajna l-insara ppersegwitati u martirizzati: qabel ma ridniex inkunu nafu għax ma stajniex inkunu nafu; illum ma rridux inkunu nafu għax il-kwistjoni hi magħluqa!

5. Fi żmien l-ewwel insara l-martirju kien l-aqwa mezz ta' evanġelizzazzjoni. "Sanguis martyrum, semen christianorum" (Tertulljanu). Fi żmienna, iżda, Knejjes insara li għaddew minn persekuzzjoni totali, joħorġu minnha strumentalizzati u sefturi ta' xi Stat atew: jiġri li l-insara jitilfu kull sens ta' solidarjetà bejniethom fi żmien il-persekuzzjoni u ma jaħsbu f'xejn ħlief filli jagħmlu l-business.

## Dun Ġorġ Preca - 3

# DUN ĠORĠ U L-MAĦFRA TAL-GĦEDEWWA



Il-Venerabbli Dun Ġorġ Preca għandu bosta lezzjonijiet ta' kif għandna ngħixu fil-prattika l-ħajja nisranija. Waħda minn dawn il-lezzjonijiet hija fuq il-maħfra tal-għedewwa.

Huwa kien jippriedka bil-qalb fuq din il-virtù. Infatti kien jgħallem: "Alla jaħfer kif aħna naħfru". Huwa kiteb ktieb sħiħ fuq din il-virtù u semmieh "Ittra Popolari fuq il-Manswetudni". Hija forma ta' epistola tat-Testment il-Ġdid. Wieħed kappillan qal fuqha: "Nistħajjilha xi ittra ta' l-Appostli. Fuq kull ftit paragrafi tagħha jiena tajt priekdi sħaħ f'irtiri lis-sorijiet".

Infatti Dun Ġorġ kellu bosta okkażjonijiet meta pprattika din il-virtù. Kien hemm min ikkalunjah, kitbu ittri anonimi fuqu fil-ġurnali u ppruvaw jeqirdu l-opra tiegħu. Iżda huwa talab għalihom u meta l-kalunnji kontrih kienu fl-aqwa tagħhom, għall-ħabta tas-sena 1914, aktar ippriedka fuq il-maħfra.

Darba f'ħajtu seħħet ġrajja li ġabitu aktar konxju ta' kemm għandna naħfru. Kien għaddej minn żmien li matulu kien imħasseb fuq il-qilla tal-ġustizzja divina li ma tħallix l-iċken nuqqas bla ma tfittex sodisfazzjon għalih. Naturalment dawn il-ħsibijiet kienu jinkwetawh. Iżda ġie fuqu puluzija u talbu jaħfirlu. Dun Ġorġ staqsieh: "Ta' xiex, ibni?" U dak wieġbu li f'ħanut mimli nies beda jgħid ħafna gideb fuqu. X'ħin mar iqerr, il-konfessur tiegħu talbu jew biex igiddeb lilu nnifsu quddiem dawk l-istess nies jew imur għand Dun Ġorġ u jitolbu maħfra. Infatti huwa għażel li jmur għand Dun Ġorġ jitolbu maħfra u dan ħafirlu mill-qalb. Huwa u nieżel it-taraġ ħass proprju dawn il-kelmiet ivenvnu ġewwa qalbu: "Jekk inti ħfirt lil bniedem ieħor għax talbek, kemm aktar jaħfer Alla lil min jitolbu maħfra?" U hekk din l-ispirazzjoni, li naturalment kienet ġejja minn Alla, neħħietlu minn moħħu u qalbu kull ħsieb u dubju li kellu fuq il-maħfra li nitolbu lil Alla.

Dun Ġorġ kien iħobb isemmi li fil-Missierna l-ewwel nitolbu għall-ħobżna ta' kuljum u imbagħad għall-maħfra. Kien jispjega li kif Alla jagħtina l-għajxien fil-ħajja ta' kuljum, hekk aħna rridu naħfru kuljum u dejjem.

Kien bniedem sensibbli u jekk xi ħadd kien iweġġagħlu qalbu kien iħoss bħal kull bniedem ieħor. Darba, meta kien qed iqaddes, waqt it-talba tal-Missierna ftakar f'xi ħadd li kien inġurjah. Malli ftakar f'din l-azzjoni ħażina, ħass il-ġibda li jivvendika ruħu minn min għamillu dik l-azzjoni ħażina. Imma hu ħares lejn Ġesù Ostja li kien preżenti fuq l-artal, u kif kien idejh miftuħa tbissem lill-Ostja u qal lil Ġesù: "Sinjur, għar-rispett tiegħek, naħfirlu".

Dun Ġorġ għallem dejjem il-maħfra. Qatt ma rrrikorra għall-passi leġittimi lejn dawk li kienu jinsulentawh fil-gazzetti, iżda dejjem ħafer mill-qalb u hekk sab paċi kbira.

***Angelo Xuereb***

**BELLUSA**
IMPORT / EXPORT LTD
*Sole Importers & Distributors of:*
MAXXIS tires
ICS compressori
3K Battery
CHAMPION
MOLL Batterien
Tel: 221791, 552688 Fax: 553885
Mob: 099 0262, 097 0762

# Is-Sisien tat-Tagħlim Soċjali tal-Knisja

## 2. Il-Persuna Umana

mill-E.T. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof t'Għawdex



*– it-tieni parti –*

**L-aspett teoloġiku**

Fl-Iskrittura Mqaddsa hemm xi tagħlim li jirrigwarda l-persuna umana, għad li l-kelma "persuna" ma nsibuhiex hemm. Izda fil- ktieb tal-Ġenesi (1,27) insibu li Alla ħalaq il-bniedem "xbieha tiegħu", u dawn il-kelmiet għandhom tifsira profonda ħafna.

Il-bniedem huwa xbieha ta' Alla, għax bħal ma hemm f'Alla, fih ukoll tinsab ix-xrara tal-ispiritwalità. Il-bniedem huwa xbieha ta' Alla, għax bħal Alla jista' jagħraf il-verità, bħalu jħobb dak li huwa tajjeb u bħalu wkoll għandu l-libertà. Bla dubju ta' xejn, hemm abbiss infinit bejn Alla u l-bniedem; imma fost il-kreaturi kollha, b'eċċezzjoni ta' l-anġli, il-bniedem huwa dik il-kreatura li toqrob l-iżjed lejn Alla u li fih innifsu għandu dan ix-xebħ mal-Ħallieq.

Fil-ktieb tal-Għerf (2,23) naqraw li "Alla ħalaq il-bniedem biex ma jmutx u għamlu xbieha tiegħu nnifsu". It-teoloġija nisranija tgħallimna l-ewwelnett li Alla ħalaq l-ewwel individwi, Adam u Eva, u tahom ruħ spiritwali u li tibqa' tgħix għal dejjem, jiġifieri ma tmutx meta jmut il-ġisem. Alla jaħlaq ukoll direttament ir-ruħ spiritwali ta' kull bniedem li jigi fid-dinja.

Barra minn hekk, it-teoloġija tgħallimna wkoll li Alla għolla lill-bniedem u tah id-dinjità biex jista' jissejjaħ u jkun iben tiegħu; żejnu bid-doni soprannaturali u tah ukoll il-grazzja li hija sehem min-natura ta' Alla nnifsu.

L-Iben ta' Alla nkarna sabiex jifdi l-individwu, jiġifieri l-persuna umana. Din quddiem Alla għandha valur hekk kbir għax tiswa l-prezz tal-fidwa tagħha, jiġifieri d-demm ta' l-Iben t'Alla magħmul bniedem.

Fl-istess ħin, lill-individwu Alla ddestinah għall-hena perfett fil-ġenna. Alla ħalaq il-bniedem sabiex dan, wara l-ħajja f'din id-dinja, imur jithenna bih għal dejjem. Dan ma huwiex xi dritt tal-bniedem, iżda huwa wieħed mid-doni jew rigali li tah Alla meta għollieh għall-ordni soprannaturali.

Il-Ħallieq lill-bniedem mhux biss tah din il-finalità u l-possibilità tal-hena ta' dejjem, imma tah ukoll il-mezzi biex jista' jilħaq dan il-għan suprem, u ppreparalu l-pjan biex jista' jasal għalih. Is-sagramenti li Kristu waqqaf għall-bnedmin huma xi wħud minn dawn il-mezzi.

Skond dan il-pjan, il-persuna individwali hija msejħa sabiex tagħraf lil Alla, tħobbu u taqdih u hekk tasal fid-destin tagħha. Il-persuna għandha valur finali, jiġifieri hija skop fiha nfisha u mhux sempliċement valur ta' mezz. Fi kliem ieħor, il-bniedem, hu min hu, Alla ħalqu għalih innifsu u mhux biex iservi ta' mezz jew strument f'idejn bniedem ieħor. Il-persuna umana, anki meta nikkonsidrawha mil-lat teoloġiku, qatt ma għandha tiġi trattata qisha kienet xi oġġett li jista' jinxtara u jinbiegħ. Minn dan tidher ukoll kemm hija nġusta u tmur kontra d-dinjità tal-bniedem is-sistema tal-jasar, għax din ċċaħħad il-libertà tal-bniedem u teħodha kontra d-dinjità tiegħu.

Barra minn hekk, ladarba Alla huwa mħabba, meta ngħidu li l-esseri uman huwa maħluq xbieha ta Alla, ifisser ukoll li l-persuna umana hija kapaċi tħobb u tagħmel għotja tagħha nfisha. Hija għandha s-setgħa li tirrikonoxxi bi gratitudni r-rigal divin mogħti lilha u li twieġeb għal din l-imħabba billi thobb u tingħata għall-persuna maħbuba minnha. B'hekk ukoll jidher ix-xebħ mal-ħajja ta' Alla u ma' dak li jwettaq Huwa.

Ladarba Alla huwa Trinità, ix-xebħ tal-bniedem miegħu ifisser ukoll li l-persuna umana għandha titqies fil-kapaċità komunitarja tagħha. Il-viżjoni trinitarja, jekk napplikawha għall-ħolqien, timplika li ebda bniedem ma jgħix waħdu izda

f'relazzjoni ma' l-oħrajn. L-individwu u l-komunità jikkoeżistu. Iktar ma l-persuna tieħu sehem fil-komunità umana, iktar tikber u tistagħna fl-umanità tagħha. ( Cfr. RICHARD M. GULA S.S., *Reason informed by Faith - The foundations of Catholic Morality*, 66.)

**L-aspett etiku jew morali**

Għal ħafna sekli, il-kriterji tal-moralità kienu mibnija fuq in-natura tal-bniedem. L-imġieba umana kienet titqies bħala tajba jew ħażina skond jekk l-għemil tiegħu jkunx jaqbel jew le ma' dak li hu l-bniedem, jiġifieri man-natura tiegħu. Għalhekk il-moralisti u l-filosofi fil-kamp ta' l-etika kienu jaslu għall-konkluzjonijiet tagħhom billi qabel xejn jiskopru l-liġi naturali u minnha jiddeduċu d-dmirijiet u l-jeddijiet tal-bnedmin.

L-għemil jew il-ħidma ta' kull ħaġa li teżisti għandhom ikunu jaqblu man-natura jew l-essenza ta' dik il-ħaġa; għalhekk, per eżempju, minn siġra tat-tin ma nistennewx li niġbru frott ieħor hlief it-tin, u mid-dielja nistennew li naqtgħu l-għeneb u ebda ħaġa oħra. Il-bniedem mhux eċċezzjoni għal din ir-regola ġenerali. Għalhekk hija kkunsidrata bħala kondotta moralment tajba dik li skond il-ġudizzju tar-raġuni retta tixraq lin-natura tal-bniedem, li huwa annimal razzjonali bil-kwalifiki l-oħra li għandu, jiġifieri magħmul mill-ġisem u mir-ruħ, maħluq minn Alla, jgħix fil-kumpanija ta' l-oħrajn u li jiddependi għall-għixien tiegħu mill-prodotti ta' l-art. Bil-maqlub, hija mġieba moralment ħażina dik li r-raġuni retta turi li ma tixraqx lill-esseri uman, ma taqbilx man-natura tiegħu.

Iżda meta ngħidu "natura" ta' xi ħaġa jew "natura tal-bniedem", ikollna kunċett astratt, jiġifieri nifhmu xi ħaġa li tinsab f'kull bniedem jew li hija nota li tinsab fil-bnedmin kollha. Iżda biex nifhmu xi ħaġa konkreta li teżisti issa u f'dan il-post, irridu ngħidu "dan il-bniedem", u dan ifisser li mill-kunċett ta' natura rridu ngħaddu għar-realtà tal-persuna umana.

Il-moviment tal-personaliżmu fil-kamp ta' l-etika tfaċċa madwar is-sena 1930, u fi Franza kien immexxi minn Emmanuel Mounier, waqt li fil-Ġermanja l-esponent tiegħu kien Max Scheler; iż-żewġ skejjel jaffermaw relazzjoni mill-qrib bejn il-persuna u l-imħabba. Qabilhom, il-filosofu Henri Bergson tkellem dwar distinzjoni bejn moralità magħluqa u moralità miftuħa. L-ewwel waħda hija l-moralità tal-liġijiet u tad-dmirijiet. Il-moralità miftuħa hija ispirata mit-tagħlim u mill-eżempju ta' bnedmin qaddisa u ta' ħajja nobbli u twassal għall-etika tar-responsabiltà personali.

Mill-aspett morali, il-persuna tfisser suġġett li kapaċi jagħżel bejn it-tajjeb u l-ħażin u li lest iwieġeb għall-għemil tiegħu. Il-bniedem obbligat jgħix ħajja moralment tajba mhux sempliċement għax għandu natura umana, iżda, fuq kollox, għax għandu personalità umana, huwa individwu uman li jgħix ħajja konkreta, kif ukoll suġġett ta' jeddijiet u ta' dmirijiet, u jeħtieġlu wkoll jagħti kont quddiem Alla u quddiem is-soċjetà tal-imġieba tiegħu. Din l-enfasi fuq l-importanza u d-dinjità tal-persuna umana, f'dawn l-aħħar snin kienet hekk evidenti li wasslet biex il-persuna tkun iċ-ċentru ta' l-etika. Dan ifisser li kull għemil li jikkontribwixxi għall-formazzjoni u l-iżvilupp tal-persuna, fil-kamp ta' l-etika jistħoqqlu ġudizzju pożittiv, jiġifieri li jiġi approvat, mentri kull għemil li jagħmel ħsara lill-persuna għandu jingħatalu ġudizzju negattiv, jiġifieri jitqies bħala għemil moralment ħażin.

Jiġri ta' spiss li xi bnedmin ma jiġux meqjusa u ttrattati bħala persuni, iżda biss bħala oġġett jew strument tal-produzzjoni. Minn din il-mentalità jitnisslu bosta inġustizzji, ksur tal-jeddijiet umani, kif ukoll imġieba mmorali u ta' min jikkundannaha.

**L-aspett soċjoloġiku tal-persuna**

Kif għidna fl-ewwel parti, il-bniedem huwa min-natura tiegħu annimal soċjali u maħluq biex jgħix fis-soċjetà. Difatti hemm relazzjoni u rabta reċiproka bejn il-persuna u s-soċjetà umana. Kif tgħidilna l-Kostituzzjoni "Gaudium et Spes" (n.25), "min-natura soċjali tal-bniedem jidher ċar li l-perfezzjonament tal-persuna umana u l-iżvilupp ta' l-istess soċjetà jiddependu minn xulxin".

F'soċjetà li tinbena u titmexxa kif irid Alla, il-persuna ma għandhiex tiddeġenera, iżda għall-kuntrarju għandha tiġi pperfezzjonata. Hekk, per eżempju, ġewwa familja tajba, il-persuna tat-tifel għandha tikber u tissaħaħ permezz tat-tagħlim u ta' l-eżempju tajjeb tal-ġenituri li jgħixu fl-istess soċjetà, jiġifieri fil-familja. Fl-istess ħin, il-persuni li minhom hija ffurmata s-soċjetà, bħal ma huma l-membri tal-familja u ċ-ċittadini fis-soċjetà ċivili, għandhom jaħdmu għall-ġid tas-soċjetà li jkunu fiha. Iżda l-persuna qatt ma għandha tiġi sagrifikata biex jinkiseb vantaġġ għas-soċjetà. "L-ordni soċjali u l-progress tiegħu - tgħallimna l-Gaudium et Spes (n. 26) - għandhom dejjem iservu għall-ġid tal-persuna, għaliex l-ordni tal-ħwejjeġ għandu jkun sottomess għall-ordni tal-persuni, u mhux il-kuntrarju."

Dan huwa tagħlim komuni tal-Papiet. Hekk Ljun XIII, fl-enċiklika "Sapientiae Christianae", jgħidilna: "In-natura ħolqot is-soċjetà mhux biex tkun il-fini tal-bniedem, imma biex taqdi l-bniedem, biex fiha l-bniedem isib dawk l-għajnuniet meħtieġa għall-perfezzjoni tiegħu." Hekk ukoll Piju XI, fid-"Divini Redemptoris": "Hija s-soċjetà li teżisti għall-bniedem u mhux il-bniedem għas-soċjetà."

Is-soċjetà, mela, hija sistema ta' relazzjonijiet li għandha bħala pern tagħha l-persuna umana. Is-soċjetà mhix xi ħaġa konkreta u li teżisti realment u mifruda mill-bniedem. Fiha nfisha, is-soċjetà hija biss astrazzjoni, u l-iktar li nistgħu ngħidu hu li nsejħulha persuna ġuridika jew komunità. Dak li huwa konkret u li jeżisti realment hija l-persuna umana. Jekk ngħidu li s-soċjetà teżisti, dan mhux għaliex hemm xi realtà fiha bħala soċjetà, iżda għaliex jeżistu l-persuni u l-individwi li huma membri tagħha. Is-soċjetà umana m'għandhiex valur finali jew ta' skop fiha nfisha, iżda biss valur strumentali: qegħda hemm biex tkun għas-servizz tal-persuna umana.

Il-prinċipju tad-dinjità tal-persuna umana jiġi quddiemnett fis-soċjoloġija kattolika u fil-ħidma soċjali tal-Knisja. Jeħtieġ li dan il-prinċipju jiggwida lil min għandu s-setgħa jieħu deċiżjonijiet f'kull qasam tal-ħajja, kemm soċjali u politiku, kif ukoll ekonomiku u kulturali.

# GĦALIEX?

## *Novella ta' Mons. Salv Borg*

Kien żagħżugħ fuq tiegħu, jinbex ix-xemx għaddejja, bħalma jafu jagħmlu ż-żgħażagħ kollha ta' l-età tiegħu. Għal tfajla kellu tnejn; kulħadd kien imġennen warajh. Kien jaħdem f'uffiċċju fil-qalba tal-belt ta' Turin. Kien tat-tajjeb, peress li kemm ommu kif ukoll missieru kienu ġejjin minn familji sinjuri. Ma kien jonqsu xejn.

Jum wieħed kien laqa' stedina li saritlu sabiex imur għal laqgħa li l-Grupp tal-Vokazzjonijiet taż-żona fejn kien joqgħod kien qed jorganizza. Mar kontra qalbu. Iżda peress li sħabu l-oħra ddeċidew li jmorru, ma kellux għażla oħra x'jagħmel. Kien proprju f'dik il-ġurnata li, meta hekk, ħabta u sabta, sema' leħen ikellmu. Għall-ewwel ma fehem xejn! Imbagħad ipprova jikkonvinċi ruħu li dak il-leħen ma kienx ikellem lilu ... Fit-tmiem tal-ġurnata, wara li kellem lil wieħed saċerdot li kien hemm għal-laqgħa, ra li dak il-leħen kien indirizzat għalih.

Dam itella' u jniżżel. Wara ljieli twal bla rqad, mifxul u mħawwad kif kien, wara diversi mistoqsijiet li beda jagħmel lilu nnifsu: "Għaliex...? Għaliex proprju jien?", iddeċieda li jħalli l-ħajja li kien qed jgħix u jagħti bidu għat-triq li kellha twasslu sa fuq l-artal. Il-ġenituri tiegħu ferħu fuq li ferħu. It-tnejn li huma kienu ġejjin minn familji reliġjużi għall-aħħar.

Peress li kien intelliġenti ħafna ma sabhiex daqstant bi kbira li jadatta ruħu għall-ħajja tas-Seminarju. Ix-xhur bdew għaddejjin u s-snin ukoll. Kien għadu kif beda t-tielet sena tat-teoloġija. Fi tmiem dik is-sena kellu jiġi ordnat djaknu, biex imbagħad, sena wara, jirċievi l-Ordinazzjoni Saċerdotali fi tmiem ir-raba' sena.

Jum wieħed, kien eżattament l-4 ta' Novembru, waqt festa li kienet qed issir fil-kappella tas-Seminarju ad unur ta' San Carlo Borromeo, ħass tixjira mejt, filwaqt li ra jdejh jirtogħdu, u ma felaħx iżomm fuq riġlejh. Bħal donnu ntilef minn sensieh, u ttella' fl-infermerija. L-għada r-Rettur tah il-parir li jkellem tabib.

It-tabib ġie. Invistah waħda sewwa, u Sergio ra lit-tabib ikemmex xofftejh, filwaqt li rah jiġbed fil-ġenb lir-Rettur. Ftit sigħat wara, Sergio ġie meħud f'waħda mill-kliniċi privati. Ġew mgħarrfa l-ġenituri tiegħu, li ħallew kollox u marru huma wkoll il-klinika.

U Sergio beda l-kalvarju tiegħu. Testijiet kontra testijiet. X-rays għal wieħed sitta. Riżultati wieħed kontra l-ieħor. Wara tliet xhur ta' ġiri minn klinika għal oħra, inqatgħet is-sentenza: Sergio kellu lewkemja, kanċer fid-demm. Kien baqagħlu ħajja qasira ħafna. Sergio bħal donnu aħbar ta' din ix-xorta kien qed jistenniha. Ma qalx kelma! Ir-Rettur għafaslu spalltu ... dak il-ħin ħass qalbu tieqaf!

"Għaliex Rettur? Għaliex kellu jiġrili hekk?" staqsa minn taħt l-ilsien Sergio. Ir-Rettur ħass ilsienu jeħel mas-saqaf ta' ħalqu. Ebda kelma ma ħarġet minn fommu. Il-ġenituri tiegħu, għalkemm b'qalbhom magħfusa, għamlulu l-kuraġġ. Kienu jafu li ma hemmx tama, iżda ma riedux jgħidulu daqshekk.

Hekk kif sab ruħu waħdu Sergio beka fuq li beka ... fi ftit jiem ra ħolma tisfaxxa fix-xejn ...



futur jitħarbat ... pjani jitkissru. Ir-Rettur ma xtaqx iħallih f'din is-sitwazzjoni. L-għada li t-tobba ħarġu l-verdett tagħhom, ħareġ mis-Seminarju u erħielha lejn il-palazz ta' l-Isqof. Qallu b'dak kollu li kien ġara. L-Isqof ukoll tbikkem b'din l-aħbar. X'seta' jsir?

Ir-Rettur minnufih qallu li dak li għalih kien mar il-Palazz dik il-għodwa. Issuġġerixxa li Sergio jiġi ordnat Djaknu minnufih, u fi żmien xahrejn jiġi ordnat saċerdot. L-Isqof ried jikkonsulta ftit ruħu. Talbu ġurnata żmien. Bilkemm kienet għadha għaddiet ġurnata li r-Rettur ma rċeviex telefonata mill-Kurja fejn ġie mgħarraf li x-xewqa tiegħu kienet aċċettata.

Ferħan se jtir, ir-Rettur mar fil-kamra ta' Sergio u tah l-aħbar! Għajnejn Sergio mtlew bid-dmugħ, għafas id ir-Rettur u qallu: "Grazzi!"

Ġie ordnat Djaknu fil-25 ta' Novembru, filwaqt li rċieva l-Ordni Sagri fit-2 ta' Frar, festa tal-Kandlora. X'ferħ ħass dak in-nhar! Kemm ferħu u bkew ommu u missieru, flimkien ma' ħutu. Sħabu kollha li kien jiddeverti magħhom kienu ġew bi ħġarhom, u daru miegħu, ferħu u bkew miegħu.

F'dik il-lejla ma setax jagħlaq għajn ma' għajn! Erħielha lejn il-kappella, u hemm, fid-dalma miksura biss minn xemgħa żgħira ħamra, fetaħ qalbu mill-ġdid mal-Mulej u qallu: "Mulej ... inħossni ferħan ... F'din il-ġurnata li għaddiet minn fuqi, qbadt biċċa ħobż f'idejja u ftit inbid, u għidt fuqhom il-kelmiet li tennejt int fl-Aħħar Ċena. U dawk inbidlu fil-Ġisem u fid-Demm tiegħek, Mulej! Illejla nixtieq mill-ġdid nagħmillek il-mistoqsija li f'dawn l-aħħar xhur għamiltlek mijiet ta' drabi: Għaliex, Mulej, għaliex għamiltli hekk? Jiena ridt niddedika ħajti kollha biex naħdem għalik u nimxi warajk u nressaq erwieħ oħra lejn il-merħla tiegħek ... Għaliex ... ? Għaliex jien, Mulej?"

Dak il-ħin Sergio sema' leħen il-Mulej ikellmu ... Sergio kien għamillu mistoqsija, u Ġesù wieġbu b'mistoqsija oħra: "Għaliex mhux int?" U Sergio fehem minnufih x'kienet tfisser dik il-mostoqsija-tweġiba li kien tah il-Mulej. Fetaħ beraħ id-djarju tiegħu u niżżel fuqu ż-żewġ mistoqsijiet ... Qabeż vers, u filwaqt li biddel il-pinna li kien qed jikteb biha u għażel dik bil-linka ħamra, kiteb b'ittri kbar: AMEN!

GOZO VERTICALS & SHADES LTD.

***EĦILSU MILL-QILLA TAX-XEMX***
***U SEBBĦU T-TWIEQI TAGĦKOM***

**GOZO VERTICALS, BLINDS & SHADES LTD.**

***ta' TONY CAMILLERI***

*FEJN ISSIBU VARJETÀ KBIRA TA'*

**BLINDS U SHADES TA'**
**MATERJAL, ALUMINIUM U PLASTIC**

***PREZZIJIET RAĠJONEVOLI***

*Għal aktar tagħrif*
*Ċemplu* 553352, 562211 Fax 562211 Mobile 099 5001.
*jew irrikorru* N.B. Cocco Palmeri Street, Nadur, Għawdex.

# ARRIVING SOON! The *new* Polo




**with a 12-year warranty on a fully galvanised body**

The new Polo enters the Millennium with an upgraded quality level. The interior and the exterior of the new Polo have undergone a redesign. The range of petrol and diesel engines include the innovative new three-cylinder TDI 1.4 litre engine, which develops 75bhp and achieves an impressive fuel economy of only 4.4 litres of diesel for every 100 Km driven. The basic model has a range of four additional equipment levels to choose from - Trendline, Comfortline, Highline and Colour Concept. It's fully galvanized body allows Volkswagen to extend its 12-year corrosion warranty.



BOOKMARK

# Qwiel u Qaddisin
## Folklor u Twemmin f'Għajdut il-Maltin u l-Għawdxin

**minn Victor J. Galea, 'Calypso Island Publications', distribwit mil-Lumen Christi Media Centre, Għawdex (1999), 330p. Lm5**




*Reċensjoni minn Guido Lanfranco*

Billi lil Victor Galea ili nafu sa mill-bidu tas-snin ħamsin meta laħaq għalliem, dejjem jistudja, jaqra, jfittex u jiskopri, nista' aktar ngħid li l-kitba tiegħu hija frott ta' ħafna osservazzjoni, riċerka u esperjenzi mill-ħajja tiegħu stess. Fid-diversi ħarġiet li kont nagħmel miegħu f'Għawdex, indunajt kemm kien jaf lil pajjiżu mill-qrib. Il-folklor tagħna huwa minsuġ fil-qalba tal-familja u fil-preokkupazzjonijiet tax-xogħol ta' kuljum, l-aktar fejn tidħol il-biedja, waqt li magħqud mal-Knisja, devozzjonijiet u qaddisin. L-awtur ta' dan il-ktieb għex ix-Xagħra ma' missieru u ommu jaħdmu r-raba', u għalhekk kien imdawwar b'ħafna għajdut, twemmin u devozzjonijiet li jsawwru l-ħajja fid-dar u fir-raħal. Bl-istudju tiegħu ta' diversi suġġetti seta' jifhem aħjar it-tifsiriet u l-bażi ta' ħafna minn dan il-folklor.

Għajdut il-poplu dejjem jevolvi, ivarja, jadatta ruħu mat-tibdil taż-żminijiet, u bosta minnu jintilef jekk ma niġbruhx fil-kitba. L-awtur ta' dan il-ktieb inħoss li għamel servizz lill-Maltin b'din il-pubblikazzjoni li għandha tinteressa mhux biss lil min jistudja l-folklor, iżda wkoll lill-istudjużi tal-Malti, qwiel, storja, devozzjonijiet u natura.

Fil-qosor ta' din ir-riċensjoni ma nistax insemmi kollox, imma biżżejjed ngħid li l-ktieb ma fih l-ebda kliem żejjed; kull faċċata u kull paragrafu mitqlu deheb għax jagħti informazzjoni kontinwa, ħafna minnha li ħadd ma jaf jew ftit jafu biha.

Il-25 taqsima huma miġburin f'erba' temi, jiġifieri kitbiet dwar il-Madonna, kitbiet dwar il-qaddisin irġiel u nisa u temi folkloristiċi oħra. Għadd ta' kitbiet dehru xi drabi oħra f'xi programmi tal-festi parrokkjali, b'ċirkolazzjoni limitata bil-periklu li jintesew, għalhekk kien xieraq li jinġabru f'dan il-ktieb. Ma' dawn, l-awtur żied oħrajn li ma deherux qabel, fosthom dawk dwar San Martin, San Mattija, San Bartilmew, San Anard u Sant'Antnin ta' Padova.

Għalkemm it-titli tat-taqsimiet isemmu l-qaddisin, taħsbux li dan hu ktieb dwarhom, iżda dwar il-qwiel, twemmin u attivitajiet agrikoli li jaħbtu fi żmien il-festa tagħhom. Il-kalendarju tal-Maltin ta' l-imgħoddi ma kienx bil-kitba u n-numri, imma bil-festi tal-qaddisin, għalhekk kulma jiġri kien bilfors dejjem assoċjat magħhom. L-awtur juża Malti ħafif, ġenwin u bl-ebda mod sfurzat biex ikun pur, imma xorta waħda fih jidher kliem li jew ftit jew qatt ma smajnieh, bħalma huma wadaf, iħażżaq, mniedaq, għarma, eħtrieq, mażraġa, għamnewwel, nċim, eħrieq, fural, masjad, żerda, qirew, ruppat, raħħmet, fajt, eċċ., li għall-kittieb joħorġu naturali. F'bosta każi jiddiskuti żbalji, u b'loġika ħierġa mill-istujdi li għamel jirranġahom, waqt li jirreferi għad-dizzjunarji u kitbiet ta' folklor, mitoloġija u storja. Fil-ktieb insibu ħafna informazzjoni oriġinali dwar tajr, ħxejjex u prodotti, kollha mill-esperjenza tiegħu f'ħajja qrib il-biedja, kemm fi tfulitu kif ukoll f'xogħlu fid-dipartiment ta' l-agrikoltura.

Dan il-ktieb għadu kemm ħareġ f'Diċembru 1999, u minħabba l-istil u l-informazzjoni li fih għandi naħseb li ma jdumx ma jara edizzjoni oħra.

# int u saħħtek



Dr. Mario Saliba M.D.

# L-Ambjent, il-Bniedem u l-Ikel GM

*L-ambjent huwa importanti ħafna għall-bniedem. Il-bniedem min-naħa tiegħu irid jibża' għall-ambjent ta' madwaru għall-gid tiegħu stess. Hemm ħafna modi kif il-bniedem jista' jniġġes l-ambjent, fosthom ir-rimi ta' skart fil-kampanja u l-baħar, ħruq ta' tajers u materjal ieħor, barra, naturalment, id-dħaħen tal-karozzi, u r-rimi ta' skart kimiku minn fabbriki, u użu żejjed ta' fertilizzanti artifiċjali mill-bdiewa. Ħafna minn dan l-iskart ikun fih kimiċi li huma velenużi għall-ħamrija u jistgħu indirettament jagħmlu ħsara lis-saħħa tal-bniedem jekk dan jiekol prodotti li jikbru f'art ikkontaminata b'dawn il-veleni.*

Bħala eżempju, illum nafu li l-omm hija esposta għal ħafna tossiċi ta' kull forma u għamla, fosthom DDT, *lindane*, *phthalates*, *bisphenyl A*, *dioxins* u *furans*. Dawn it-tossiċi ġaladarba jidħlu fil-ġisem ma jerġgħux joħorġu u jakkumulaw fix-xaħam tal-ġisem. Meta mara tkun tradda' dawn it-tossiċi jkollhom ċans joħorġu mill-ġisem mal-ħalib. Skond rapporti li ħarġu minn gvernijiet tal-UE sabu li xi wħud minn dawn is-sustanzi li jinsabu fil-ħalib ta' l-omm (iktar minn 350) jistgħu jikkawżaw il-kanċer jew ikunu ta' ħsara għat-tarbija! Nistħajjilkom tgħidu: issa sew, dan biex gej? Issa l-ħalib ta' l-omm huwa ħażin ukoll! S'issa l-ebda tarbija ma mietet mill-ħalib ta' l-omm! Hemm min jinkwieta meta jisma' affarijiet bħal dawn. Iżda b'daqshekk ma jfissirx li ma hemm l-ebda verità minn dan li qed jingħad. Min jaħseb li rrid nagħmel xi ħsara billi nbeżża' l-ommijiet mill-ħalib tagħhom, mhux il-każ. It-tort mhux il-ħalib ta' l-omm jew ta' l-omm stess, iżda l-ambjent imniġġes ta' madwarna. Għalhekk importanti ħafna li l-ambjent ta' madwarna jkun ħieles mill-kimiċi u sustanzi, fosthom *dioxins* u l-*furans* li huma ta' ħsara għall-bniedem.

Il-ħsara li jagħmlu dawn it-tossiċi jaffettwaw diversi organi u partijiet tal-ġisem. Fost l-effetti negattivi hemm tnaqqis fil-fertilità, iktar korrimenti waqt it-tqala, trabi li jistgħu jitwieldu b'xi difett u anke inċidenza ikbar ta' kanċer. Illum nafu li wieħed minn kull erba' persuni jista' jimrad b'xi forma ta' kanċer, li bħalma jaf kulħadd sar marda komuni ħafna. Il-mediċina għadha ma tafx għaliex ċerti tipi ta' kanċers jitrabbew, iżda ċertament dawn it-tossiċi jistgħu ikollhom effett u jistgħu jkunu parti mill-kawża tal-kanċer.

Naf li dan it-tagħrif ser iqajjem xi ftit tat-tħassib. 'Il quddiem għad nisimgħu iktar dwar dan żgur. Il-ħażin huwa li f'pajjiżna għad m'hawnx kuxjenza kontra dawn l-affarijiet u jridu jkunu l-barranin biex jifthulna għajnejna meta suppost nitkellmu u nipprotestaw aħna dwarhom. Eżempju tipiku kien dan l-aħħar meta ġew il-Greenpeace jipprotestaw dwar in-nuqqas ta' ħarsien tal-Baħar Mediterran u dwar il-periklu tad-*dioxins* li hemm fil-miżbla tal-Magħtab. F'Għawdex għandna wkoll il-miżbla fix-Xagħra li saret il-post ta' mistħija, speċjalment meta tibda' taqbad fis-sajf meta Marsalfon ikun mimli nies u daħna kbira tgħatti s-sema. Jekk isir studju dwar il-preżenza ta' *dioxins* u *furans* fil-miżbla ta' Għajn Damma żgur li dawn jinstabu fi kwantitajiet inkwetanti. Tajjeb li bħalma qed isir studju kif il-miżbla tal-Magħtab tkun ikkontrolata, hekk ukoll isir studju biex insolvu l-problema tal-miżbla tagħna wkoll.

### L-ikel GM

L-aħħar moda ta' l-ikel huma l-GM foods. Dawn m'humiex xi prodott ġdid tal-General Motors, iżda tip ġdid ta' ikel li kien f'xi waqt ġenetikament modifikat



fil-laboratorju. Skond id-ditti li qegħdin jipprduċu dan l-ikel huwa stmat li dan huwa ikel superjuri għall-ikel naturali. Iżda għal min jieklu, dan l-ikel huwa aħjar fis-saħħa jew aħjar biss fid-dehra jew għax iservi iktar fuq l-ixkaffa? Forsi mingħajr ma nafu ġa qed nikkonsmaw ikel ta' dan it-tip. Diversi prodotti li nixtru mis-*supermarkets* ġa huma ġenetikament modifikati. Sittin fil-mija tal-ikel lest fil-laned, ċikkulata, ċertu ħobż, gallettini, *fizzy drinks*, huma prodotti magħmula minn ikel modifikat, jew ġejjin minn ħxejjex li kienu modifikati ġenetikament fil-laboratorju.

Hawn ħafna jaħsbuha bħali u l-parir huwa li qabel ikollna informazzjoni iktar dwar dan it-tip ta' ikel għandna nevitawh kemm nistgħu. Il-problema hi kif ser inkunu nafu li l-prodott li nixtru ma fihx ikel GM. Għalhekk bħala konsumaturi għandna nkunu informati fuq it-tikketta dwar dan. Ċerti *supermarkets* fl-Ingilterra, bħal Sainbury's u ASDA, qegħdin ineħħu minn fuq l-ixkafef tagħhom dawk il-prodotti kollha li fihom ikel GM. F'dawn iż-żminijiet anke min huwa veġetarjan ma jistax ikun żgur li l-ħaxix u l-frott li jikkonsma huwa mija fil-mija ħaxix u frott pur, għax seta' kien imbagħbas ġenetikament b'xi *genes* ta' l-annimali.

Minkejja dawn l-aħbarijiet xi ftit ħżiena qiegħed isir iktar studju fuq dan it-tip ta' ikel. Nittamaw li x-xjenza jirnexxilha tneħħi kull periklu li jista' jkollhom dawn il-prodotti u fil-futur il-bniedem ikun jista' jużahom mingħajr biża' li jistgħu jagħmlu ħsara lil saħħtu.

SALVU
CAMILLERI
& SONS LTD.
(Tan-Najsi)

Suppliers of
READY-MIX
CONCRETE
CRANE HIRE




Ready Mix Plant: 560346
Residence: 551485
Telecell: 099 5378
"Camilleri House"
Hondoq Street, Qala.

# Għawdex Sportiv

## XEWKIJA TIGERS JIRBĦU T-TAZZA REPUBBLIKA GĦALL-EWWEL DARBA



Xewkija Tigers, b'gowl f'kull taqsima mill-attakkant tagħhom Dominic Cilia, għelbu lill-*holders* Nadur Youngsters biex rebħu t-Tazza Repubblika għall-ewwel darba. Ir-rebħa ta' Xewkija kienet meritata għaliex għarfu jissuperaw l-isfida avversarja b'ħeffa, fejn ftit taw ċans lil Nadur li jkunu nsidjużi, hekk li bdew ibatu ħafna biex jinfdu d-difiża mimlija grinta u entużjażmu tat-Tigers. M'hemmx dubju li kienu wkoll Xewkija l-iktar li stinkaw għal dan is-suċċess b'konvinzjoni ġusta u spirtu kumbattiv. Min-naħa ta' Nadur, dawn deħru tqal u nieqsa mill-kollettiv. Fil-fażi ta' realizazzjoni, il-Youngsters kienu konfużi u għalkemm issuperaw lill-*goalkeeper* avversarju darbtejn sabu lid-difensuri Xewkin attenti jikklerjaw il-periklu.

Il-gowls deċisivi waslu fit-32 minuta b'xutt mill-ewwel ta' Dominic Cilia wara kross ta' Bonnici, u tliet minuti mit-tmiem l-istess Cilia ssiġilla r-rebħa b'ħarba u xutt qawwi.

Fi tmiem il-finali, Vincent Grech, *Chairman* tal-Kumitat Għawdxi tal-Festi Nazzjonali u Popolari, ppreżenta t-Tazza Repubblika lil Charlie Azzopardi, *captain* ta' Xewkija Tigers.

***IR-RIŻULTATI KOLLHA***

**Rawnd Preliminari**

| | | | |
|---|---|---|---|
| S.K. Victoria Wanderers | 2 | Qala St. Joseph | 1 |
| St. Lawrence Spurs | 0 | Zebbug Rovers | 1 |
| Gharb Rangers | 0 | Victoria Hotspurs | 3 |
| Sannat Lions | 1 | Oratory Youths | 0 |
| Kercem Ajax | 1 | Munxar Falcons | 0 |
| Xaghra United | 1 | Nadur Youngsters | 5 |

Ghajnsielem u Xewkija għaddew bye







jikteb Joe Bajada

### Kwarti Finali

| | |
|---|---|
| Kercem Ajax 1 | Nadur Youngsters 5 |
| Xewkija Tigers 3 (fil-hin barrani) | Zebbug Rovers 2 |
| Victoria Hotspurs 2 (fil-hin barrani) | Sannat Lions 1 |
| Ghajnsielem 2 (SK Victoria ghaddew 3-0 bil-penalties) | SK Victoria W. 2 |

### Semi Finali

| | |
|---|---|
| Victoria Hotspurs 0 | Nadur Youngsters 0 (Nadur ghaddew 4-2 bil-penalties) |
| SK Victoria W. 0 | Xewkija 2 (Xewkija ghaddew 4-2 bil-penalties) |

### Finali

| | |
|---|---|
| Nadur Youngsters 0 | Xewkija Tigers 2 |

## Min skorja l-35 gowl

**3 gowls**

Joseph Portelli, Anthony Portelli (Nadur Y.)

**2 gowls**

Dominic Cilia (Xewkija T.); Jason Portelli (Victoria H.); Sylvan Galea (Żebbuġ R.)

**1 gowl**

Mark Camilleri, Paul Hili, Michael Hili (Xewkija T.); Charlie Attard, Mario Bonello, Paul Camilleri (Nadur Y.); Kristian Dimech, Larry Vella, David Portelli, John Camilleri (SK Victoria W.); Michael Vella, Noel Debono (Victoria H.); Reuben Galea (Żebbuġ R); Albert Camilleri, Paul Apap (Kerċem A.); George F. Farrugia, Mark Formosa (Sannat L.); Matthew Portelli, Errol Grima (Għajnsielem); John Cassar (Xagħra U.); Joseph Xerri (Qala S.J.)

***Own Goal***

Alvin Grech (Kerċem A.) v Nadur Y. 1-5
Charlie Saliba (Sannat L.) v Victoria H. 1-2

### *Min rebaħ s'issa din it-tazza:*

Sannat Lions: 4
Victoria Hotspurs: 2
Nadur Youngsters: 1
Xewkija Tigers: 1

# SPARAR FUQ IL-PLATTINI

## ŻEBBUĠ JIRBĦU T-TAZZA TAL-MILLENNJU

It-tim rappreżentattiv tal-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ rebħu t-Tazza tal-Millennju, kompetizzjoni organizzata mill-*Gozo Clay Target Association* bil-kollaborazzjoni tal-Bord Sportiv Għawdxi. Seba' timijiet ħadu sehem b'sitt tiraturi kull wieħed, li sparaw fuq 200 plattina. Però, għall-klassifika finali, ġew meħuda l-aħjar erba' punteġġi individwali ta' kull tim. Żebbuġ, iffurmati minn Charlie Calleja, George Zammit, Paul Caruana, Anthony Zammit, John Sultana u Charlie Vella spiċċaw fl-ewwel post b'total ta' 169 plattina. Fit-tieni post spiċċaw ir-Rabat, b'punteġġ ta' 165 plattina. It-tielet post ġie deċiż bir-regola tal-*count back* favur Xewkija li, bħal Sannat, laqtu 161 plattina. Warajhom spċċaw b'din l-ordni: Xagħra, b'155 plattina; Nadur, b'132 plattina; Għajnsielem, b'total ta' 116-il plattina.

F'din li hija kompetizzjoni individwali, li kienet fuq l-aħjar minn 75 plattina, ħareġ rebbieħ Richard Studley ta' Xagħra b'total ta' 68 plattina. Fit-tieni post spiċċa tiratur ieħor ta' Xagħra, Joe Gauci, b'total ta' 67 plattina, u fit-tielet post spiċċa John Spiteri ta' Xewkija, b'punteġġ ta' 66 plattina.

Xerri l-Bukkett



Bar
Restaurant Pizzeria
Dine while enjoying the best view in the Maltese islands
Triq iz-Zewwieqa Qala
Tel. 560331

# Mid-dinja Teknoloġika

rubrika ta' **Pierre J. Mejlak**

## *GRAZIO'S MALTA VIRTWALI TINBIDEL GĦAL ABOUTMALTA.COM*

Fil-ġimgħat li għaddew tħabbar li l-website popolari "Grazio's Malta Virtwali" ser tinbidel għal "aboutmalta.com" u ser toffri dak kollu li wieħed ikun jixtieq jaf dwar il-gżejjer Maltin. Għal dan ix-xahar ħsibt li nagħti ftit tagħrif dwar din il-paġna ġdida Maltija u nagħtu ħarsa lejn dik li kienet l-ewwel paġna Maltija fuq il-World Web Site.

Grazio Falzon jista' jissejjaħ il-pijunier Malti ta' l-internet għax kien hu li poġġa isem Malta fuq il-mappa mondjali 'online' għall-ewwel darba. Fl-1992 mill-istat ta' Maryland beda jirrealizza kemm kienu ftit il-Maltin fuq l-internet. Beda jinduna li ma kien hemm xejn dwar Malta u ġietu l-idea li jtella' ftit informazzjoni dwar pajjiżu. Beda b'paġna elementali "Merħba - Welcome to Malta", imma r-rispons kien mill-aktar inkoraġġanti. Bil-mod il-mod kompla jibni fuq dan is-sit u fi ftit żmien "Grazio's Malta Virtwali" saret sit mill-aktar popolari. Ma' l-isplużjoni ta' l-internet f'Malta beda joffri links mal-paġni Maltin u saret bħal l-għatba għall-paġni dwar Malta. Mhux ta' b'xejn li l-ġurnal "Plain Dealer" (l-akbar gazzetta fl-istat ta' Ohio u waħda mill-aħjar gazzetti nazzjonali Amerikani) semmiet din il-website bħala waħda mill-aħjar siti personali fir-reġjun. Għal Grazio Falzon, il-paġna dwar Malta kienet saret "passatemp irreżistibbli".

Issa l-paġna tlibbset libsa ġdida, u qed iżżid ma' l-informazzjoni li Grazio Falzon kien irnexxielu jikseb. Il-paġna aboutmalta.com hija maqsuma f'20 kategorija: arti u divertiment, kummerċ u finanzi, edukazzjoni, folklor, ikel u xorb, gvern u amministrazzjoni, Għawdex u Kemmuna, saħħa u mediċina, storja, ċajt, stampi, internet, lingwa u letteratura, mod ta' għajxien, aħbarijiet u ġrajjiet kurrenti, nies, soċjetà, xjenza u teknoloġija, sports u turiżmu u trasport. Kull sezzjoni toffrilek lista ta' artikli nformattivi dwar is-suġġett, kif ukoll lista oħra ta' links għall-paġni relatati mas-suġġett.

Għalkemm kull sezzjoni għandha l-editur tagħha, aboutmalta.com qed tħajjar lil kull min hu nteressat f'xi suġġett biex jibgħat is-sottomissjonijiet tiegħu lill-edituri tas-sezzjonijiet rispettivi. Dan sabiex tkompli tkabbar din l-iunika enċiklopedija online dwar Malta.

## *Il-WEBCAMS jiġbdu l-eluf imma ...*



Kull min għandu l-internet jista' jixtri bħal kamera tal-video ċkejkna, jikkomunikaha mal-kompjuter u jxandar f'xandira diretta l-ħajja ta' kamartu. Dawn l-imbierka webcams jiġbdu eluf ta' nies għax fost il-users ta' l-internet, hemm eluf li jkunu jixtiequ joqogħdu jispijaw xi ftit fil-kamra ta' ħaddieħor. Hemm webcams ukoll interessanti bħal dik ta' PandaCam fiz-Zoo ta' San Diego (www.sandiegozoo.org/special/pandas/pandacam/) li tippermettilek tittawwal lill-panda f'kull ħin tal-ġurnata. Però, apparti xi eċċezzjonijiet bħal din, ħafna web-cams huma biss ħela ta' ħin u jekk tipprova xi wħud mis-sit www.camarades.com tagħtini raġun. Interessanti l-fatt li waħda mill-ewwel webcams qatt użati kienet dik fuq magna tal-kafè fl-Università ta' Oxford - xogħol l-imħuħ ta' studenti intelliġenti, li biex jiffrankaw joqogħdu jinżlu tliet sulari u jaraw jekk il-magna hix taħdem, għażlu li jaraw dan minn kamrithom!



The new Toyota Yaris.
Car of the year 2000.
I am!
No, I am!
CAR OF THE YEAR
2000
THE NEW TOYOTA YARIS - IT DEFIES LOGIC
TOYOTA
debono Rohan Arch - Zebbug - Tel: 465806, 465642. Fax: 464095.
PARDI ENTERPRISES LTD.
Gozo Dealer

# Palazzo Margherita

## Bar & Restaurant

**DUN LUQA STREET, SANNAT, GOZO. TEL: 555737 / 557898 FAX: 562808**




*Għall-okkażjoni speċjali tiegħek f'ambjent sabiħ, ikel ġenwin u servizz mill-aqwa sew jekk tiġijiet, ikliet jew parties.*

**Servizz ieħor ta' Palazzo Margherita huwa: "SUNDAY FAMILY LUNCH" fejn tiekol kemm trid minn Hot Buffett għall-prezz ta' Lm 4.35 (vat incl)**

*Palazzo Margherita joffri wkoll*

# IL BRINDISI

*Ideali għal kull okkażjoni ta' madwar 80 / 90 persuni bħal Magħmudija, l-Ewwel Tqarbina, Griżma u Tieġ.*

**Palazzo Margherita Catering jaċċettaw ukoll "OUTSIDE CATERING" għal kull tip ta' okkażjoni f'lokalitajiet oħra.**

